

Brussell, 4 ta' April 2019
(OR. en)

7758/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0190(COD)

CODEC 762
CULT 52
AUDIO 46
CADREFIN 162
RELEX 289
IA 108
REGIO 71
SAN 182
EDUC 181
DIGIT 65
PE 122

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (mill-2021 sal-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, (Strasburgu, 25 - 28 ta' Marzu 2019)

I. INTRODUEZZJONI*

Ir-rapporteur, Silvia COSTA (S&D, IT), ippreżentat rapport dwar il-proposta għal Regolament f'isem il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni. Ir-rapport kien fih 150 emenda għall-proposta.

Barra minn hekk

- il-grupp politiku S&D ressaq żewġ (2) emendi
- il-grupp politiku EFDD ressaq 20 emenda

* L-iffurmattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-Verżjoni EN

II. VOT

Meta vvotat fit-28 ta' Marzu 2019, il-plenarja adottat l-emendi 1-5, 7, 9-18, 20-22, 24-26, 28-46, 48-79, 81-100, 102-150, 19, 23, 80, 101, 47, 152, 152, 6, 8 u 27 għall-proposta għal Regolament.

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument¹.

¹ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

L-istabbiliment tal-programm Ewropa Kreattiva (mill-2021 sal-2027) *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Marzu 2019 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Ewropa Kreattiva (mill-2021 sal-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 (COM(2018)0366 – C8-0237/2018 – 2018/0190(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0366),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikoli 167(5) u 173(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0237/2018),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2018²,
 - wara li kkunsidra l - opinjoni tal - Kumitat tar-Reġjuni tas-6 ta' Frar 2019,³,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0156/2019),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

² Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

³ Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Il-kultura, il-patrimonju kulturali u d-diversità kulturali huma ta' valur kbir għas-soċjetà Ewropea mil-lat kulturali, ambjentali, soċjali u ekonomiku, u jenħtiegħ li jiġu promossi u appoġġati. Id-dikjarazzjoni ta' Ruma tal-25 ta' Marzu 2017 u l-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2017 iddikjaraw li l-edukazzjoni u l-kultura huma kruċjali biex jinbnew soċjetajiet li jiffavorixxu l-inklużività u l-koeżjoni ta' kulħadd, u biex tiġi appoġġata l-kompetittività Ewropea.

Emenda

(1) Il-kultura, ***l-arti***, il-wirt kulturali u d-diversità kulturali huma ta' valur kbir għas-soċjetà Ewropea mil-lat kulturali, ***edukattiv, demokratiku***, ambjentali, soċjali, ***tad-drittijiet tal-bniedem*** u ekonomiku, u jenħtiegħ li jiġu promossi u appoġġati. Id-dikjarazzjoni ta' Ruma tal-25 ta' Marzu 2017 u l-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2017 iddikjaraw li l-edukazzjoni u l-kultura huma kruċjali biex jinbnew soċjetajiet li jiffavorixxu l-inklużività u l-koeżjoni ta' kulħadd, u biex tiġi appoġġata l-kompetittività Ewropea.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Skont l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), "l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi". Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Dawn il-valuri huma affermati mill-ġdid u huma stabbiliti b'mod ċar fid-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji mnaqqxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li għandha l-istess valur legali

Emenda

(2) Skont l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), "l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi". Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Dawn il-valuri huma affermati mill-ġdid u huma stabbiliti b'mod ċar fid-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji mnaqqxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (***il-Karta***), li għandha l-istess

bħat-Trattati, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tat-TUE.

valur legali bħat-Trattati, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tat-TUE. ***B'mod partikolari, il-libertà ta' espressjoni u tal-informazzjoni hija minquxa fl-Artikolu 11 tal-Karta u l-libertà tal-arti u x-xjenza hija minquxa fl-Artikolu 13 tal-Karta.***

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura¹⁵ tkompli tistabbilixxi l-għanijiet tal-Unjoni għas-setturi kulturali u kreattivi. Għandha l-għan li tisfrutta s-setgħa tal-kultura u tad-diversità kulturali għall-koeżjoni soċjali u l-benessri fis-soċjetà, u li trawwem id-dimensjoni transfruntiera tas-setturi kulturali u kreattivi u tappoġġa l-kapaċità tagħhom li jikbru, filwaqt li tħeġġeġ il-kreattività bbażata fuq il-kultura fl-edukazzjoni u l-innovazzjoni. Il-Komunikazzjoni tittratta wkoll l-impjiegi, it-tkabbir u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali. Il-programm Ewropa Kreattiva, flimkien ma' programmi oħra tal-Unjoni, jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni ta' din l-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura. ***Dan*** huwa wkoll b'konformità mal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali, li daħlet fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2007, u li l-Unjoni hija parti għaliha.

Emenda

(4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura¹⁵ tkompli tistabbilixxi l-għanijiet tal-Unjoni għas-setturi kulturali u kreattivi. Għandha l-għan li tisfrutta s-setgħa tal-kultura u tad-diversità kulturali għall-koeżjoni soċjali u l-benessri fis-soċjetà, u li trawwem id-dimensjoni transfruntiera tas-setturi kulturali u kreattivi u tappoġġa l-kapaċità tagħhom li jikbru, filwaqt li tħeġġeġ il-kreattività bbażata fuq il-kultura fl-edukazzjoni u l-innovazzjoni. Il-Komunikazzjoni tittratta wkoll l-impjiegi, it-tkabbir u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali. Il-programm Ewropa Kreattiva, flimkien ma' programmi oħra tal-Unjoni, jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni ta' din l-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura, ***filwaqt li jqis il-fatt li jittqies li l-valur intrinsiku tal-kultura u tal-espressjoni artistika jenħtieġ li dejjem jiġi ppreservat u promoss u li l-kreazzjoni artistika tinsab fil-qalba tal-proġetti ta' kooperazzjoni. L-appoġġ lill-implimentazzjoni ta' din l-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura ġdida*** huwa wkoll b'konformità mal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali, li daħlet fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2007, u li l-Unjoni hija parti għaliha.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Il-politiki tal-Unjoni se jikkomplementaw lill-intervent mill-Istati Membri fil-qasam kulturali u kreattiv u jżidu l-valur tiegħu. Jenħtieġ li l-impatt tal-politiki tal-Unjoni jiġi vvalutat fuq bażi regolari, filwaqt li jitqiesu indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi bħall-benefiċċji għaċ-ċittadini, il-parteciċipazzjoni attiva tagħhom, il-benefiċċji għall-ekonomija tal-Unjoni f'termini ta' tkabbir u impjiegi u r-riperkussjonijiet f'setturi oħra tal-ekonomija, u l-ħiliet u l-kompetenzi tal-persuni li jaħdmu fis-setturi kulturali u kreattivi.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4b) Is-salvagwardja u t-titjib tal-wirt kulturali Ewropew huma għanijiet ta' dan il-Programm. Dawn l-oġettivi ġew rikonoxxuti wkoll bħala inerenti għad-dritt għall-għarfien tal-wirt kulturali u l-parteciċipazzjoni fih, stabbilit fil-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Valur tal-Wirt Kulturali għas-Soċjetà (il-Konvenzjoni ta' Faro), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2011. Dik il-

Konvenzjoni tissottolinja r-rwol tal-wirt kulturali fil-kostruzzjoni ta' soċjetà paċifika u demokratika, u fil-proċessi ta' żvilupp sostenibbli u l-promozzjoni tad-diversità kulturali.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Il-promozzjoni tad-diversità kulturali Ewropea *tiddependi mill-eżistenza* ta' setturi kulturali u kreattivi ta' suċċess li jkunu reżiljenti, u *li jkunu kapaċi* joħolqu, *jipproduċu* u *jqassmu x-xogħlijiet* tagħhom lil udjenza Ewropea kbira u diversifikata. *Dan ikabbar* il-potenzjal kummerċjali tagħhom u *jikkontribwixxi lejn* tkabbir sostenibbli u *lejn il-ħolqien* tal-impjiegi. Barra minn hekk, il-promozzjoni tal-kreattività *tagħti* spinta lill-kompetittività u lill-innovazzjoni fil-ktajjen tal-valur industrijali. Minkejja l-progress li sar dan l-aħħar, is-suq kulturali u kreattiv Ewropew għadu frammentat fil-livell nazzjonali u lingwistiku. *Dan ixekkel lis-setturi* kulturali u kreattivi *minħabba li ma jippermettilhomx* jibbenefikaw bis-sħiħ mis-suq uniku Ewropew u, b'mod partikolari, *mis-suq uniku diġitali*.

Emenda

(5) Il-promozzjoni tad-diversità kulturali Ewropea *u tal-għarfien tal-għeruq komuni hija bbażata fuq il-libertà ta' espressjoni artistika, il-kapaċità u l-kompetenzi tal-artisti u tal-operaturi kulturali, l-eżistenza* ta' setturi kulturali u kreattivi ta' suċċess li jkunu reżiljenti *fid-dominju pubbliku u privat u l-kapaċità tagħhom li* joħolqu, *jinnovaw u jipproduċu xogħlijiet* tagħhom u *jqassmuhom* lil udjenza Ewropea kbira u diversifikata. *Din b'hekk tkabbar* il-potenzjal kummerċjali tagħhom, *iżżid l-aċċess għall-kontenut kreattiv, ir-riċerka artisitika u l-kreattività u l-promozzjoni tagħhom u tikkontribwixxi għal* tkabbir sostenibbli u *ħolqien* tal-impjiegi. Barra minn hekk, il-promozzjoni tal-kreattività *u l-għarfien ġdid jagħtu* spinta lill-kompetittività u lill-innovazzjoni fil-ktajjen tal-valur industrijali. *Jenħtieġ li jiġi adottat approċċ usa' għall-edukazzjoni artistika u kulturali u r-riċerka artistika, li jiżviluppa minn approċċ STEM (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija, Matematika) għal approċċ STEAM (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija, Arti, Matematika).* Minkejja l-progress li sar dan l-aħħar *fir-rigward tal-assistenza għat-traduzzjoni u s-sottotitolar*, is-suq kulturali u kreattiv Ewropew għadu frammentat fil-livell nazzjonali u lingwistiku. *Filwaqt li tiġi rispettata l-ispeċifiċità ta' kull suq, jista' jsir sforz akbar sabiex is-setturi* kulturali u

kreattivi *jkunu jistgħu* jibbenefikaw bis-sħiħ mis-suq uniku Ewropew u ***u mis-suq uniku diġitali***, b'mod partikolari ***inkluż billi titqies il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali***.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) It-tranżizzjoni diġitali tirrappreżenta bidla fil-paradigma u hija waħda mill-akbar sfidi għas-setturi kulturali u kreattivi. L-innovazzjoni diġitali bidlet id-drawwiet, ir-relazzjonijiet u l-mudelli ta' produzzjoni u konsum kemm fil-livell personali kif ukoll f'dak soċjali, u jenħtieġ li tagħti spinta lill-espressjoni kulturali u kreattiva u n-narrattiva kulturali u kreattiva, filwaqt li tirrispetta l-valur speċifiku tas-setturi kulturali u kreattivi fi ħdan fl-ambjent diġitali.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) Il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura doppja tas-setturi kulturali u kreattivi filwaqt li jirrikonoxxi, minn naħa waħda, il-valur intrinsiku u artistiku tal-kultura u, min-naħa l-oħra, il-valur ekonomiku ta' dawk is-setturi, inkluż il-kontribut aktar wiesa' tagħhom għat-tkabbir u l-kompetittività, ***u għall-kreattività u l-innovazzjoni***. Dan jeħtieġ setturi kulturali u kreattivi Ewropej qawwija, b'mod

(6) Il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura doppja tas-setturi kulturali u kreattivi filwaqt li jirrikonoxxi, minn naħa waħda, il-valur intrinsiku u artistiku tal-kultura u, min-naħa l-oħra, il-valur ekonomiku ta' dawk is-setturi, inkluż il-kontribut aktar wiesa' tagħhom għat-tkabbir u l-kompetittività, ***il-kreattività, l-innovazzjoni, id-djalogu interkulturali, il-koeżjoni soċjali u l-ġenerazzjoni tal-***

partikolari industrija awdjoviżiva Ewropea vivaċi, li l-kapaċità tagħha li tilħaq udjenzi kbar u l-importanza ekonomika tagħha, inkluż għal setturi kreattivi oħra u għat-turiżmu kulturali, **ikunu** ġew ikkunsidrati. Madankollu, il-kompetizzjoni globali tas-swieq awdjoviżivi ġiet intensifikata iktar bħala riżultat tat-tfixkil diġitali li qed ikopli jikber maż-żmien, eż. bidliet fil-produzzjoni u l-konsum tal-midja, u l-pożizzjoni ta' importanza dejjem akbar tal-pjattaformi globali fid-distribuzzjoni tal-kontenut. Għalhekk, għandu jingħata aktar appoġġ lill-industrija Ewropea.

għarfien. Dan jeħtieġ setturi kulturali u kreattivi Ewropej b'saħħithom, **kemm fl-oqsma għall-qliġ kif ukoll mingħajr qliġ**, b'mod partikolari industrija awdjoviżiva Ewropea vivaċi, li l-kapaċità tagħha li tilħaq udjenzi kbar **fil-livell lokali, nazzjonali u tal-Unjoni** u l-importanza ekonomika tagħha, inkluż għal setturi kreattivi oħra u għat-turiżmu kulturali **u għall-iżvilupp reġjonali, lokali u urban** ġew ikkunsidrati. Madankollu, il-kompetizzjoni globali tas-swieq awdjoviżivi ġiet intensifikata iktar bħala riżultat tat-tfixkil diġitali li qed ikopli jikber maż-żmien, eż. bidliet fil-produzzjoni u l-konsum tal-midja, u l-pożizzjoni ta' importanza dejjem akbar tal-pjattaformi globali fid-distribuzzjoni tal-kontenut. Għalhekk, għandu jingħata aktar appoġġ lill-industrija Ewropea.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Iċ-ċittadinanza Ewropea attiva, il-valuri komuni, il-kreattività u l-innovazzjoni jeħtieġu bażi soda li fuqha jkunu jistgħu jiżviluppaw. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-edukazzjoni ċinematografika u awdjoviżiva, b'mod partikolari fost il-minorenni u ż-żgħażaġh.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Sabiex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jikkunsidra n-natura tas-setturi differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom permezz ta' approççi mfassla apposta fi ħdan fergħa ddedikata lis-settur awdjoviżiv, fergħa ddedikata lis-setturi kulturali u kreattivi l-oħra, kif ukoll fergħa transsettorjali.

Emenda

(7) Sabiex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jikkunsidra n-natura ***u l-isfidi*** speçifiçi tas-setturi differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom permezz ta' approççi mfassla apposta fi ħdan fergħa ddedikata lis-settur awdjoviżiv, fergħa ddedikata lis-setturi kulturali u kreattivi l-oħra, kif ukoll fergħa transsettorjali. ***Il-Programm jenħtieġ li jipprovdi l-istess appoçġ lis-setturi kulturali u kreattivi permezz ta' skemi orizzontali li jkun mmirati lejn il-ħtiġijiet komuni. Billi jibni fuq proġetti pilota, il-Programm jenħtieġ ukoll li jimplimenta l-azzjonijiet settorjali elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament.***

Emenda 11

**Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Il-mużika, fil-forom u fl-espressjonijiet kollha tagħha, u speçjalment il-mużika kontemporanja u l-mużika live, hija komponent essenzjali tal-wirt kulturali, artistiku u ekonomiku tal-Unjoni. Din hija element ta' koeżjoni soçjali, integrazzjoni multikulturali u soçjalizzazzjoni taż-żgħażaġh, u sservi bħala strument ewlieni biex titjeb il-kultura, inkluż it-turiżmu kulturali. Is-settur tal-mużika għalhekk jenħtieġ li jiffoka b'mod partikolari fuq l-azzjonijiet speçifiçi segwiti bħala parti mill-fergħa KULTURA skont dan ir-Regolament f'termini ta' distribuzzjoni finanzjarja u azzjonijiet immirati. Jenħtieġ li t-talbiet u l-istrumenti mfassla apposta jgħinu biex tingħata spinta lill-kompetittività tas-

settur tal-mużika u jindirizzaw xi sfidi speċifiċi li dan jiffaċċja.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7b) Huwa meħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jissaħħaħ fil-qasam tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali. Jenħtieġ li l-Programm ifittex li jikkontribwixxi għat-tielet objettiv strateġiku tal-Aġenda Ewropea l-Ġdida għall-Kultura billi juża d-dialogu kulturali u interkulturali bħala magni għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli. Fl-Unjoni u madwar id-dinja, il-bliet qed jixprunaw politiki kulturali ġodda. Għadd kbir ta' komunitajiet kreattivi inġabru f'ċentri, inkubaturi u spazji ddedikati madwar id-dinja. Jenħtieġ li l-Unjoni tkun strumentali biex tgħaqqad flimkien daww il-komunitajiet mill-Unjoni u mill-pajjiżi terzi u trawwem kollaborazzjoni multidixxiplinarja fil-ħiliet artistiki, kreattivi u diġitali.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8) Il-fergħa transsettorjali għandha l-għan li ***tisfrutta l-potenzjal ta' kollaborazzjoni fost setturi*** kulturali u kreattivi differenti. Approċċ trażversali konġunt iwassal għal benefiċċji f'termini ta' trasferiment tal-għarfien u ta' effiċjenza

(8) Il-fergħa transsettorjali għandha l-għan li ***tindirizza l-isfidi komuni li jħabbtu wiċċhom magħhom is-setturi*** kulturali u kreattivi differenti, ***u tisfrutta l-potenzjal ta' kollaborazzjoni fosthom***. Approċċ trażversali konġunt iwassal għal benefiċċji

amministrattiva.

f'termini ta' trasferiment tal-għarfien u ta' effiċjenza amministrattiva.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Hemm bżonn ta' intervent mill-Unjoni fis-settur awdjoviżiv, maħsub biex jakkumpanja l-politiki tal-Unjoni dwar is-Suq Uniku Diġitali. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-modernizzazzjoni tal-qafas tad-drittijiet tal-awtur u r-Regolament propost dwar trażmissjonijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir¹⁶, **kif ukoll il-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva 2010/13/UE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċità tal-atturi tas-settur awdjoviżiv Ewropew biex jiffinanzjaw, **jipproduċu** u jiddisseminaw xogħlijiet **li jistgħu jkunu viżibbli b'mod suffiċjenti** fuq it-tipi differenti ta' midja ta' komunikazzjoni disponibbli (eż. it-TV, iċ-ċinema jew il-Video On Demand) u li l-udjenzi jsibuhom attraenti f'suq akbar u aktar kompetittiv kemm fl-Ewropa kif ukoll lil hinn minnha. L-appoġġ jenħtieġ li jiġi miżjud sabiex jindirizza l-iżviluppi li seħħew dan l-aħħar fis-suq u, b'mod partikolari, il-pożizzjoni iktar b'saħħitha tal-pjattaformi globali ta' distribuzzjoni meta mqabbla ma' xandara nazzjonali li tradizzjonalment jinvestu fil-produzzjoni ta' xogħlijiet Ewropej.

¹⁶ COM(2016)0594

¹⁷ COM/2016/0287

Emenda

(9) Hemm bżonn ta' intervent mill-Unjoni fis-settur awdjoviżiv, maħsub biex jakkumpanja l-politiki tal-Unjoni dwar is-Suq Uniku Diġitali. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-modernizzazzjoni tal-qafas tad-drittijiet tal-awtur u r-Regolament propost dwar trażmissjonijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir¹⁶, **u d-Direttiva 2018/1808** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷. Għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċità tal-atturi tas-settur awdjoviżiv Ewropew biex **joħolqu**, jiffinanzjaw, **jipproduċu** u jiddisseminaw xogħlijiet **ta' diversi formati** fuq it-tipi differenti ta' midja ta' komunikazzjoni disponibbli (eż. it-TV, iċ-ċinema jew il-Video On Demand) u li l-udjenzi jsibuhom attraenti f'suq akbar u aktar kompetittiv kemm fl-Ewropa kif ukoll lil hinn minnha. L-appoġġ jenħtieġ li jiġi miżjud sabiex jindirizza l-iżviluppi li seħħew dan l-aħħar fis-suq u, b'mod partikolari, il-pożizzjoni iktar b'saħħitha tal-pjattaformi globali ta' distribuzzjoni meta mqabbla ma' xandara nazzjonali li tradizzjonalment jinvestu fil-produzzjoni ta' xogħlijiet Ewropej.

¹⁶ COM(2016)0594

¹⁷ **Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet**

stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' reattajiet tas-suq li qed jinbidlu, ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69)

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) L-azzjonijiet speċjali mfassla bħala parti mill-Programm Ewropa Kreattiva, bħaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew, il-Jiem tal-Patrimonju Ewropew, il-premjijiet Ewropej fl-oqsma tal-mużika kontemporanja, il-pop u r-rock, il-letteratura, il-patrimonju u l-arkitettura u l-Kapitali Ewropej tal-Kultura għibdu l-attenzjoni ta' miljuni ta' ċittadini Ewropej, urew il-benefiċċji soċjali u ekonomiċi tal-politiki kulturali Ewropea u, għaldaqstant, jenħtieġ li jibqgħu jsiru u, kull meta jkun possibbli, għandhom jitwessgħu.

Emenda

(10) L-azzjonijiet speċjali mfassla bħala parti mill-Programm Ewropa Kreattiva, bħaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew, il-Jiem tal-Patrimonju Ewropew, il-premjijiet Ewropej fl-oqsma tal-mużika kontemporanja, il-pop u r-rock, il-letteratura, il-wirt u l-arkitettura u l-Kapitali Ewropej tal-Kultura għibdu l-attenzjoni ta' miljuni ta' ċittadini Ewropej, urew il-benefiċċji soċjali u ekonomiċi tal-politiki kulturali Ewropea u, għaldaqstant, jenħtieġ li jibqgħu jsiru u, kull meta jkun possibbli, għandhom jitwessgħu. ***Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa l-attivitajiet tan-netwerking tas-siti taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew.***

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Il-Programm Ewropa Kreattiva taħt ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 xpruna l-ħolqien ta' proġetti innovattivi u ta' suċċess li ġġeneraw prattiki tajbin

f'termini tal-kooperazzjoni transnazzjonali Ewropea fis-setturi kreattivi u kulturali. Bħala riżultat, dan żied id-diversità kulturali Ewropea għall-udjenzi, u ingrana l-benefiċċji soċjali u ekonomiċi tal-politiki kulturali Ewropej. Sabiex ikunu aktar effiċjenti, jenħtiegħ li dawn l-istejjer ta' suċċess jiġu enfasizzati u, kull fejn ikun possibbli, jitwessgħu.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10b) Il-livelli kollha ta' atturi fis-setturi kulturali u kreattivi jenħtiegħ li jkunu involuti b'mod attiv fl-ilħuq tal-għanijiet tal-Programm u fl-iżvilupp ulterjuri tiegħu. Minħabba li l-esperjenza tal-involviment formali tal-partijiet ikkonċernati fil-mudell tal-governanza parteċipattiva tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali, stabbilita permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2017/864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}, deher li kienet effiċjenti għall-integrazzjoni sistematika kultura, huwa ssuġġerit li dan il-mudell jiġi applikat għall-Programm ukoll. Dan il-mudell ta' governanza parteċipattiva jenħtiegħ li jinkludi approċċ trasversali bl-għan li jinħolqu sinerġiji bejn id-diversi programmi u inizjattivi tal-Unjoni fil-qasam tal-kultura u l-kreattività.

^{1a} Deċiżjoni (UE) 2017/864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali (2018), (ĠU L 131, 20.5.2017, p. 1).

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 10c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10c) Jenħtieġ li tiġi inkluża azzjoni transsettorjali emblematika li jkollha l-għan li tippreżenta d-diversità kreattiva u kulturali Ewropea lill-Istati Membri u lill-pajjiżi terzi bħala parti mill-azzjonijiet speċjali li jaqgħu taħt il-Programm. L-azzjoni jenħtieġ li tenfasizza l-eċċellenza tal-kreattività Ewropea bbażata fuq il-kultura biex tiskatta l-innovazzjoni transsettorjali fl-ekonomija usa', billi tagħti premju speċjali.

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) Il-kultura hija essenzjali għat-tisħiħ ta' komunitajiet inklużivi u ***koeżivi***. Fil-kuntest ***tal-pressjoni migratorja***, il-kultura għandha rwol ***importanti*** fl-integrazzjoni tal-migranti billi tgħinhom iħossuom parti mis-soċjetajiet li jospitawhom, ***filwaqt li tgħin ukoll*** fl-iżvilupp ta' relazzjonijiet tajba bejn il-migranti u komunitajiet ġodda.

(11) Il-kultura hija essenzjali għat-tisħiħ ta' komunitajiet inklużivi, ***koeżivi*** u ***riflettivi***, ***biex it-territorji jingħataw ħajja ġdida u biex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali għal persuni bi sfond żvantaġġat.*** Fil-kuntest ***tal-kwistjonijiet migratorji u l-isfidi b'rabta mal-integrazzjoni***, il-kultura għandha rwol ***fundamentali fil-ħolqien ta' spazji inklużivi għal djalogu interkulturali u*** fl-integrazzjoni tal-migranti ***u r-rifuġjati***, billi tgħinhom iħossuom parti mis-soċjetajiet li jospitawhom, ***u*** fl-iżvilupp ta' relazzjonijiet tajba bejn il-migranti u komunitajiet ġodda.

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Il-kultura tipprovd i trawwem is-sostenibilità ekonomika, soċjali u ambjentali. Għalhekk jenħtieġ li tkun fil-qalba tal-istrateġiji ta' żvilupp politiku. Il-kontribut tal-kultura għall-benessri tas-soċjetà kollha jenħtieġ li jiġi enfasizzat. Skont id-"Dikjarazzjoni ta' Davos" tat-22 ta' Jannar 2018 bit-titlu "Lejn Baukultur ta' kwalità għolja għall-Ewropa", jenħtieġ li jittieħdu passi biex jiġi promoss approċċ integrat ġdid għat-fassil tal-ambjent mibni ta' kwalità għolja, li jkun integrat fil-kultura, isaħħaħ il-koeżjoni soċjali, jiżgura ambjent sostenibbli u jikkontribwixxi għas-saħħa u l-benessri tal-popolazzjoni kollha. Jenħtieġ li dak l-approċċ ma jpoġġix enfasi fuq iż-żoni urbani biss, iżda jenħtieġ li jiffoka primarjament fuq l-interkonnnettività ta' żoni periferiċi, remoti u rurali. Il-kunċett ta' Baukultur jinkorpora l-fatturi kollha li jħallu impatt dirett fuq il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini u tal-komunitajiet, u għalhekk irawwem l-inklużività, il-koeżjoni u s-sostenibilità b'mod konkret ħafna.

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11b) Hija prijorità li l-kultura, inklużi oġġetti u servizzi kulturali u awdjoviżivi, isiru iktar aċċessibbli għal persuni b'diżabilità bħala strumenti biex

jitravwem is-sodisfazzjon personali u l-parteċipazzjoni attiva sħaħ tagghom, u b'hekk tikkontribwixxi biex ikun hemm soċjetà verament inklużiva ibbażata fuq is-solidarjetà. Jenħtieġ għalhekk li l-Programm jippromwovi u jżid il-parteċipazzjoni kulturali fl-Unjoni kollha, b'mod partikolari fir-rigward ta' persuni b'diżabilità u minn sfondi żvantaġġati, kif ukoll dawk li jgħixu f'żoni rurali u remoti.

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Il-libertà artistika ***hija l-qalba*** ta' setturi kulturali u kreattivi vivaċi, u ***dan jgħodd ukoll għas-settur*** tal-mezzi ta' informazzjoni. Il-programm jenħtieġ li jippromwovi kollegamenti u kollaborazzjoni bejn is-settur awdjoviżiv u s-settur tal-pubblikazzjoni ***sabiex jiġi promoss*** ambjent medjatiku pluralistiku.

Emenda

(12) Il-libertà ***tal-espressjoni*** artistika ***u kulturali, il-libertà ta' espressjoni u l-pluraliżmu tal-midja jinsabu fil-qalba*** ta' setturi kulturali u kreattivi vivaċi, u ***tas-settur settur*** tal-mezzi ta' informazzjoni. Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi kollegamenti u kollaborazzjoni bejn is-settur awdjoviżiv u s-settur tal-pubblikazzjoni ***bl-għan li jippromwovi ambjent medjatiku pluralistiku u indipendenti bi qbil mad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} Il-Programm jenħtieġ li jipprovdi appoġġ għall-professjonisti ġodda tal-midja u jtejjeb l-iżvilupp tal-ħsieb kritiku fost iċ-ċittadini permezz tal-promozzjoni tal-litteriżmu medjatiku, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh.***

^{1a} ***Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-***

Emenda 23

Proposta għal regolament Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) Il-mobilità tal-artisti u tal-ħaddiema kulturali, fir-rigward tal-iżvilupp tal-ħiliet, it-tagħlim, is-sensibilizzazzjoni interkulturali, il-kokreazzjoni, il-koproduzzjoni, iċ-ċirkolazzjoni u d-disseminazzjoni ta' xogħlijiet artistiċi, il-parteeċipazzjoni f'avvenimenti internazzjonali, bħal fieri, festivals eċċ., hija prerekwiżit ewlieni għal setturi kulturali u kreattivi aktar marbuta flimkien, aktar b'saħħithom u aktar sostenibbli fl-Unjoni. Din il-mobilità sikwit tiġi mxejnkla min-nuqqas ta' status legali, diffikultajiet biex jinkisbu l-viżi u t-tul ta' żmien tal-permessi, ir-riskju ta' tassazzjoni doppja u kundizzjonijiet tas-sigurtà soċjali prekarji u instabbli.

Emenda 24

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13) B'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Programm, fl-attivitajiet kollha tiegħu, jenħtieġ li jappoġġa l-integrazzjoni bejn is-sessi u l-integrazzjoni tal-għanijiet ta' nondiskriminazzjoni u, fejn applikabbli, jenħtieġ li jiddefinixxi kriterji xierqa ta'

(13) B'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Programm, fl-attivitajiet kollha tiegħu, jenħtieġ li jappoġġa l-integrazzjoni bejn is-sessi u l-integrazzjoni tal-għanijiet ta' nondiskriminazzjoni u, fejn applikabbli, jenħtieġ li jiddefinixxi kriterji xierqa ta'

bilanċ bejn is-sessi.

bilanċ bejn is-sessi *u diversità. Il-Programm jenħtieġ li jfittex li jiżgura li l-parteċipazzjoni fil-Programm u l-proġetti mwettqa taħt il-Programm tilħaq u tirrifletti d-diversità tas-soċjetà Ewropea. L-attivitajiet imwettqa taħt il-Programm jenħtieġ li jiġu mmonitorjati u rrapportati sabiex tiġi aċċertata l-prestazzjoni tal-Programm f'dak ir-rigward u biex daww li jfasslu l-politika jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati aħjar fir-rigward ta' programmi futuri.*

Emenda 25

**Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) In-nisa huma preżenti ħafna fil-qasam artistiku u kulturali fl-Unjoni bħala awturi, professjonisti, għalliema, u bħala udjenza b'aċċess dejjem ikbar tal-pubbliku kulturali. Madankollu, kif evidenzjat minn riċerka u studji bħall-"European Women's Audiovisual Network" (in-Netwerk Ewropew Awdjoviżiv tan-Nisa) għad-diretturi tal-films u mill-proġett We Must fil-qasam tal-mużika, jeżistu inugwaljanzi fil-pagi bejn is-sessi u huwa inqas probabbli li n-nisa jwettqu xogħlijiethom u jokkupaw karigi ta' teħid tad-deċiżjonijiet f'istituzzjonijiet kulturali, artistiċi u kreattivi. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu promossi t-talenti femminili u li jiġu ċċirkolati x-xogħlijiet tagħhom sabiex jiġu appoġġati l-karrieri artistiċi tan-nisa.

Emenda 26

**Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)**

(14a) F'konformità mal-konklużjonijiet li nstiltu wara s-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018, il-Programm jenħtieġ li jtejjeb il-kooperazzjoni u l-kapaċità ta' promozzjoni tas-settur permezz ta' appoġġ għal attivitajiet relatati mal-legat tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018 u filwaqt li jqisu. B'rabta ma' dan, jenħtieġ li tingħata attenzjoni lid-dikjarazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri tal-Kultura li saret f'Novembru 2018 u d-dikjarazzjonijiet magħmula fl-avveniment ta' għeluq tal-Kunsill, fis-7 ta' Diċembru 2018. Il-Programm jenħtieġ li jikkontrobwixxi għall-preservazzjoni sostenibbli fit-tul tal-wirt kulturali Ewropew permezz ta' azzjonijiet ta' appoġġ għall-artiġjani u għan-nies li jkunu mħarrġa fis-sna jja' tradizzjonali relatati mar-restawr tal-wirt kulturali.

Emenda 27

Proposta għal regolament Premessa 15

(15) B'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn approċċ integrat għall-Ewropa lejn il-wirt kulturali" tat-22 ta' Lulju **201419**, il-politiki u l-istrumenti rilevanti jenħtieġ li joħorġu l-valur fuq terminu ta' żmien twil u tas-sostenibbiltà tal-wirt kulturali tal-Ewropa, u jiżviluppaw approċċ aktar integrat lejn il-preżervazzjoni u **l-valorizzazzjoni tiegħu**.

(15) B'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn approċċ integrat għall-Ewropa lejn il-wirt kulturali" tat-22 ta' Lulju **2014**, il-politiki u l-istrumenti rilevanti jenħtieġ li joħorġu l-valur fuq terminu ta' żmien twil u tas-sostenibbiltà tal-wirt kulturali **tal-passat, tal-preżenti, tanġibbli, intanġibbli u diġitali** tal-Ewropa, u jiżviluppaw approċċ aktar integrat lejn il-preżervazzjoni, **il-konservazzjoni, l-użu mill-ġdid adattiv, it-tixrid, il-valorizzazzjoni u l-appoġġ billi jappoġġaw kondiviżjoni ta' kwalità u l-kkoordinata tal-għarfien professjonali u l-**

iżvilupp ta' standards ta' kwalità komuni għas-settur u mobilità għall-professjonisti tas-settur. Il-wirt kulturali jifforma parti integrali mill-koeżjoni Ewropea u jappoġġa r-rabta bejn it-tradizzjoni u l-innovazzjoni. Il-preservazzjoni tal-wirt kulturali u l-appoġġ għas-sengħa tal-artisti u tal-persuni li jgħallu xogħlijiet artistiċi jenħtieġ li jkunu prijorità tal-Programm.

¹⁹ COM/2014/0477

¹⁹ COM/2014/0477

Emenda 28

**Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-impenn u l-involviment taċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-kultura u s-soċjetà, għall-promozzjoni tal-edukazzjoni kulturali u biex l-għarfien u l-wirt kulturali jsiru aċċessibbli pubblikament. Jenħtieġ ukoll li l-Programm irawwem il-kwalità u l-innovazzjoni fil-ħolqien u l-konservazzjoni inkluż permezz ta' sinerġiji fost il-kultura, l-arti, ix-xjenza, ir-riċerka u t-teknoloġija.

Emenda 29

**Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)**

(16a) F'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar politika koerenti tal-UE għall-industriji kulturali u kreattivi, l-appoġġ għas-setturi kulturali u kreattivi jenħtieġ li jkun kwistjoni trasversali. Il-proġetti jenħtieġ li jiġu integrati matul il-Programm kollu sabiex jiġu appoġġati mudelli ta' negozju u ħiliet ġodda, savoir-faire tradizzjonali kif ukoll il-bidla ta' soluzzjonijiet kreattivi u interdixxiplinari f'valur ekonomiku u soċjali. Barra minn hekk, is-sinerġiji potenzjali li jeżistu bejn il-politiki tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu sfruttati bis-sħiħ, sabiex jintuża b'mod effettiv il-finanzjament disponibbli bħala parti mill-programmi tal-Unjoni - bħal Orizzont Ewropa, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, Erasmus+, EaSI u InvestEU.

Emenda 30

Proposta għal regolament Premessa 18

(18) Pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni stabbilita skont il-ftehim ŻEE, li jipprevedi l-implimentazzjoni tal-programmi permezz ta' deċiżjoni skont dak il-ftehim. Pajjiżi terzi jistgħu wkoll jipparteċipaw fuq il-bażi ta' strumenti legali oħra. F'dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi introdotta dispożizzjoni speċifika biex jingħataw id-drittijiet meħtieġa għall-aċċess, kif ukoll l-aċċess, lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra

(18) Pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni stabbilita skont il-ftehim ŻEE, li jipprevedi l-implimentazzjoni tal-programmi permezz ta' deċiżjoni skont dak il-ftehim. Pajjiżi terzi jistgħu wkoll jipparteċipaw fuq il-bażi ta' strumenti legali oħra. F'dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi introdotta dispożizzjoni speċifika biex jingħataw id-drittijiet meħtieġa għall-aċċess, kif ukoll l-aċċess, lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra

l-Frodi (OLAF) u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabiex jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv.

l-Frodi (OLAF) u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabiex jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv. ***Il-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi terzi għall-Programm jenħtieġ li jiġu rapportati fuq bażi annwali lill-awtorità baġitarja.***

Emenda 31

Proposta għal regolament Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Sa mill-ħolqien tagħha, l-Akkademja Ewropea tal-Films ***żviluppat kompetenza unika u tinsab f'pożizzjoni unika biex toħloq*** komunità pan-Ewropea ta' persuni li joħolqu l-films u professjonisti tal-films, ***bl-għan li l-films Ewropej jiġu promossi u disseminati*** lil hinn mill-fruntieri nazzjonali tagħhom ***biex tiżi żviluppata*** udjenza ***verament Ewropea***. Għalhekk, jenħtieġ li tkun eliġibbli għal appoġġ dirett mill-Unjoni.

Emenda

(22) Sa mill-ħolqien tagħha, l-Akkademja Ewropea tal-Films, ***permezz tal-għarfien speċjali u l-pożizzjoni unika tagħha, ikkontribwiet għall-iżvilupp ta'*** komunità pan-Ewropea ta' persuni li joħolqu l-films u professjonisti tal-films, ***billi ippromwoviet il-films Ewropej lil hinn mill-fruntieri nazzjonali tagħhom u rawmet l-emerġenza ta'*** udjenza ***internazzjonali ta' kull età***. Għalhekk, jenħtieġ li ***b'mod eċċezzjonali*** tkun eliġibbli għal appoġġ dirett mill-Unjoni, ***fil-kuntest tal-kooperazzjoni tagħha mal-Parlament Ewropew fl-organizzazzjoni tal-Premju Ċinematografiku LUX. Madankollu, l-appoġġ dirett jenħtieġ li jkun marbut mal-negozjar ta' ftehim dwar il-kooperazzjoni, b'missjonijiet u objettivi speċifiċi, bejn iż-żewġ partijiet, u jenħtieġ li jkun biss possibbli li jingħata appoġġ dirett ladarba dak il-ftehim ikun ġie konkluż. Dan ma jipprekludix lill-Akkademja Ewropea tal-Films milli tapplika għal finanzjament għal inizjattivi u proġetti oħra taħt il-fergħat differenti tal-Programm.***

Emenda 32

Proposta għal regolament Premessa 23

(23) Sa mill-ħolqien tagħha, l-Orkestra taż-Żgħażaġ tal-Unjoni Ewropea żviluppat kompetenza unika fil-promozzjoni *tad-djalogu* interkulturali, *tar-rispett* reċiproku u *tal-fehim* permezz tal-kultura. L-Orkestra taż-Żgħażaġ tal-Unjoni Ewropea hija partikolari minħabba li hija orkestra Ewropea li tmur lil hinn mill-konfini kulturali, u hija magħmula minn mużiċisti żgħażaġ li jintgħażlu skont kriterji eżiġenti ta' kwalità permezz ta' proċess annwali rigoruż ta' udjenza bi prova li jsir fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, jenħtieġ li tkun eliġibbli għal appoġġ dirett mill-Unjoni.

(23) Sa mill-ħolqien tagħha, l-Orkestra taż-Żgħażaġ tal-Unjoni Ewropea żviluppat għarfien uniku fil-promozzjoni *ta' wirt mużikali Ewropew għani, aċċess għall-mużika u djalogu* interkulturali, u *rispett* u *fehim* reċiproċi permezz tal-kultura, *kif ukoll fit-tisħiħ tal-professjonaliżmu tal-mużiċisti żgħażaġ, billi pprovdiethom bil-ħiliet meħtieġa għal karriera fis-settur kulturali u kreattiv. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, inklużi l-Presidenti suċċessivi tal-Kummissjoni u tal-Parlament Ewropew, irrikonoxxew il-kontribut tal-Orkestra tal-Unjoni Ewropea*. L-Orkestra taż-Żgħażaġ tal-Unjoni Ewropea hija partikolari minħabba li hija orkestra Ewropea li tmur lil hinn mill-konfini kulturali, u hija magħmula minn mużiċisti żgħażaġ li jintgħażlu skont kriterji eżiġenti ta' kwalità permezz ta' proċess annwali rigoruż *u trasparenti* ta' udjenza bi prova li jsir fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, jenħtieġ li *b'mod eċċezzjonali* tkun eliġibbli għal appoġġ dirett mill-Unjoni *abbażi ta' missjonijiet u objettivi speċifiċi li jenħtieġ li jiġu stabbiliti u evalwati regolarment mill-Kummissjoni. Sabiex tiżgura dak l-appoġġ, l-Orkestra taż-Żgħażaġ tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li żżid il-viżibbiltà tagħha, tagħmel kull sforz sabiex tikseb rappreżentazzjoni aktar ibbilanċjata tal-mużiċisti mill-Istati Membri kollha fi ħdan l-orkestra u tiddiversifika d-dħul tagħha billi tfittex b'mod attiv appoġġ finanzjarju minn sorsi oħra mill-finanzjament tal-Unjoni*.

Emenda 33

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) L-appoġġ finanzjarju jenħtieġ li jintuża sabiex nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment mhux ottimali jiġu indirizzati b'mod proporzjonat, filwaqt li l-azzjonijiet jenħtieġ li ma jiddupplikawx jew ma jeskludux il-finanzjament privat, jew ifixklu l-kompetizzjoni fis-suq intern. L-azzjonijiet jenħtieġ li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar.

Emenda

(26) L-appoġġ finanzjarju jenħtieġ li jintuża sabiex nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment mhux ottimali jiġu indirizzati b'mod proporzjonat, filwaqt li l-azzjonijiet jenħtieġ li ma jiddupplikawx jew ma jeskludux il-finanzjament privat, jew ifixklu l-kompetizzjoni fis-suq intern. L-azzjonijiet jenħtieġ li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar ***u li jkunu xierqa għall-proġetti speċifiċi li jkunu qed jappoġġaw. Il-Programm jenħtieġ li ma jikkunsidrax biss il-valur ekonomiku tal-proġetti, iżda wkoll id-dimensjoni kulturali u kreattiva tagħhom u l-ispeċifità tas-setturi kkonċernati.***

Emenda 34

**Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26a) Il-finanzjament mill-programmi stabbiliti bir-Regolament .../.../Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali^{1a} u r-Regolament .../.../ [IPA III]^{1b} jenħtieġ li jintuża wkoll biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet taħt id-dimensjoni internazzjonali tal-Programm. Dawk l-azzjonijiet jenħtieġ li jiġu implimentati bi qbil ma' dan ir-Regolament.

^{1a} 2018/0243 (COD).

^{1b} 2018/0247 (COD).

Emenda 35

Proposta għal regolament

Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) **Waħda** mill-akbar sfidi għas-setturi kulturali u kreattivi hija ***l-aċċess għal finanzjament li jippermetti li l-attivitajiet li jwettqu jkabbru***, iżommu jew iżidu l-kompetittività, ***jew jinternazzjonalizzaw l-attivitajiet tagħhom***. L-għanijiet ta' politika ta' dan il-Programm jenħtieġ ukoll li jiġu indirizzati permezz ta' strumenti finanzjarji u garanzija baġitarja bħala parti mit-tieqa ta' politika/twieqi ta' politika tal-Fond InvestEU.

Emenda

(27) ***Is-setturi kulturali u kreattivi huma setturi innovattivi, reżiljenti u li qed jikbru fl-ekonomija Ewropea, li jiġġeneraw valur ekonomiku u kulturali mill-proprjetà intellettuali u mill-kreattività individwali. Madankollu, in-natura frammentata u intanġibbli tal-assi tagħhom tillimita l-aċċess tagħhom għall-finanzjament privat. Waħda*** mill-akbar sfidi għas-setturi kulturali u kreattivi hija ***li jiżdied l-aċċess tagħhom għall-finanzi***, li ***huwa essenzjali biex jikbru***, iżommu jew iżidu l-kompetittività ***tagħhom fil-livell internazzjonali***. L-għanijiet ta' politika ta' dan il-Programm jenħtieġ ukoll li jiġu indirizzati permezz ta' strumenti finanzjarji u garanzija baġitarja, ***speċjalment għall-SMEs***, bħala parti mit-tieqa ta' politika/twieqi ta' politika tal-Fond InvestEU ***b'konformità mal-prattiki żviluppati fil-qafas tal-Faċilità ta' Garanzija tas-Setturi Kulturali u Kreattivi stabbilita permezz tar-Regolament (UE) Nru 1295/2013.***

Emenda 36

Proposta għal regolament

Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) Filwaqt li jitqies l-għarfien espert tekniku meħtieġ biex issir valutazzjoni tal-proposti li huma parti minn azzjonijiet speċifiċi tal-Programm, jenħtieġ li jkun previst li, fejn rilevanti, il-kumitati ta' ***evalwazzjoni*** jistgħu jkunu magħmula

Emenda

(28) ***L-impatt, il-kwalità u l-effiċjenza fl-implimentazzjoni tal-Proġett jenħtieġ li jikkostitwixxu l-kriterji ewlenin ta' evalwazzjoni għall-għażla tal-proġett ikkonċernat.*** Filwaqt li jitqies l-għarfien espert tekniku meħtieġ biex issir

minn esperti esterni.

valutazzjoni tal-proposti li huma parti minn azzjonijiet speċifiċi tal-Programm, jenħtieġ li jkun previst li, fejn rilevanti, il-kumitati ta' **valutazzjoni** jistgħu jkunu magħmula minn esperti esterni **li jenħtieġ li jkollhom sfond professjonali u ta' ġestjoni b'rabta mal-qasam ta' applikazzjoni li jkun qed jiġi vvalutat. Fejn rilevanti, jenħtieġ li titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza ġenerali mal-oġġettivi ta' inklużjoni tal-udjenzi u d-diversità.**

Emenda 37

Proposta għal regolament Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Il-Programm jenħtieġ li jinkludi sistema realistika u maniġġabbli ta' indikaturi tal-prestazzjoni li takkumpanja l-azzjonijiet tiegħu u timmonitorja l-prestazzjoni tiegħu fuq bażi kontinwa. Dan il-monitoraġġ, kif ukoll l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm u mal-azzjonijiet tiegħu jenħtieġ li jibnu fuq it-tliet ferġhat tal-programm.

Emenda

(29) Il-Programm jenħtieġ li jinkludi sistema realistika u maniġġabbli ta' indikaturi tal-prestazzjoni **kwantitattivi u kwalitattivi** li takkumpanja l-azzjonijiet tiegħu u timmonitorja l-prestazzjoni tiegħu fuq bażi kontinwa, **filwaqt li jitqies il-valur intrinsiku tal-arti u s-setturi kulturali u kreattivi. Tali indikaturi tal-prestazzjoni jenħtieġ li jiġu żviluppati mal-partijiet interessati.** Dan il-monitoraġġ, kif ukoll l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm u mal-azzjonijiet tiegħu jenħtieġ li jibnu fuq it-tliet ferġhat tal-programm. **Il-ferġhat jenħtieġ li jqisu indikatur kwantitattiv u kwalitattiv wieħed jew aktar. Dawk l-indikaturi jenħtieġ li jkunu vvalutati skont dan ir-Regolament.**

Emenda 38

Proposta għal regolament Premessa 29a (ġdida)

(29a) Meta titqies il-kumplessità u d-diffikultà biex tinġabar, tiġi analizzata u adattata d-data u biex jitkejjel l-impatt tal-politiki kulturali u jiġu ddefiniti l-indikaturi, jenħtieġ li l-Kummissjoni ssaħħaħ il-kooperazzjoni fi ħdan is-servizzi tagħha, bħaċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u l-EUROSTAT, bl-għan li tiġbor u tanalizza data statistika xierqa. Il-Kummissjoni jenħtieġ li taġixxi f'kooperazzjoni ma' ċentri ta' eċċellenza fl-Unjoni, istituti nazzjonali tal-istatistika u organizzazzjonijiet rilevanti għas-setturi kulturali u kreattivi fl-Ewropa u f'kollaborazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u l-Unesco.

Emenda 39

Proposta għal regolament Premessa 32

(32) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu abbażi tal-kapaċità **tagħhom** li **jiksbu** l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li **jagħtu** r-riżultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu **l-kostijiet** tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. Dan jenħtieġ li jinkludi konsiderazzjoni tal-użu ta' ammonti f'daqqa, rati fissi u kostijiet unitarji, kif ukoll finanzjament mhux marbut ma' kostijiet kif imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

(32) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu abbażi tal-kapaċità **tal-operatur tal-proġett** li **jikseb** l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li **jagħti** r-riżultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu **d-daqs tal-operatur u tal-proġett, il-kostijiet** tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. Dan jenħtieġ li jinkludi konsiderazzjoni tal-użu ta' ammonti f'daqqa, rati fissi u kostijiet unitarji, kif ukoll finanzjament mhux marbut ma' kostijiet kif imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Emenda 40

Proposta għal regolament Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(33a) Sabiex jiġu ottimizzati s-sinerġiji bejn il-fondi tal-Unjoni u l-istrumenti ġestiti direttament, jenħtieġ li jiġi ffaċilitat l-għoti ta' appoġġ għal operazzjonijiet li diġà rċevew ċertifikazzjoni ta' Siġill ta' Eċċellenza.

Emenda 41

Proposta għal regolament Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(34) Skont l-Artikolu 94 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE²⁸, persuni u entitatijiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji extra-Ewropej huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u għall-għanijiet tal-Programm u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li magħhom il-pajjiż jew territorju extra-Ewropew rilevanti huwa marbut.

(34) Skont l-Artikolu 94 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE²⁸, persuni u entitatijiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji extra-Ewropej huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u għall-għanijiet tal-Programm u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li magħhom il-pajjiż jew territorju extra-Ewropew rilevanti huwa marbut. ***Ir-restrizzjonijiet imposti mir-remotezza ta' dawk il-pajjiżi jew territorji jenħtieġ li titqies meta jiġi implimentat il-Programm, u l-parteċipazzjoni effettiva tagħhom fil-Programm jenħtieġ li tiġi mmonitorjata u evalwata regolarment.***

²⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea) (ĠU

²⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea) (ĠU

Emenda 42

Proposta għal regolament Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(34a) Skont l-Artikolu 349 tat-TFUE, jenħtieġ li jittieħdu miżuri sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi fl-azzjonijiet kollha. Jenħtieġ li jitrawmu l-iskambji tal-mobilità għall-artisti u x-xogħlijiet tagħhom, u l-kooperazzjoni bejn il-persuni u l-organizzazzjonijiet minn dawn ir-reġjuni u l-ġirien tagħhom u pajjiżi terzi. Għalhekk, se jkun possibbli li l-persuni jibbenefikaw bl-istess mod mill-vantaġġi kompetittivi li l-industriji kulturali u kreattivi jistgħu joffru, b'mod partikolari t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi. Tali miżuri jenħtieġ li jiġu mmonitorjati u evalwati regolarment.

Emenda 43

Proposta għal regolament Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(36) Sabiex tiġi żgurata **implimentazzjoni mingħajr xkiel tal-Programm**, il-kostijiet imġarrba mill-benefiċjarju qabel tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għall-ġotja, b'mod partikolari l-kostijiet relatati mad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, **jistgħu** jiġu kkunsidrati bħala eliġibbli, sakemm dawn ikunu marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet li jkunu

(36) Sabiex tiġi żgurata **l-kontinwità tal-appoġġ finanzjarju previst skont il-Programm u jiġu koperti d-diskrepanzi tal-likwidità dejjem jiżdiedu li qed jiġu esperjenzati mill-benefiċjarji**, il-kostijiet imġarrba mill-benefiċjarju qabel tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għall-ġotja, b'mod partikolari l-kostijiet relatati mad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, **jenħtieġ li** jiġu kkunsidrati bħala eliġibbli, sakemm

qed jingħataw appoġġ.

dawn ikunu marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet li jkunu qed jingħataw appoġġ.

Emenda 44

Proposta għal regolament

Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni

(38) *Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta l-programmi ta' ħidma. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Hemm bżonn li jiġi żgurat l-għeluq b'mod korrett tal-Programm predeċessur, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-arranġamenti pluriennali għall-ġestjoni tiegħu, bħall-finanzjament ta' assistenza teknika u amministrattiva. Mill-[1 ta' Jannar 2021], l-assistenza teknika u amministrattiva jenħtieġ li tiżgura, jekk ikun meħtieġ, il-ġestjoni tal-azzjonijiet li għadhom ma ġewx iffinalizzati bħala parti mill-programm predeċessur sal-[31 ta' Diċembru 2020].*

¹ *Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).*

Emenda

(38) *Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma. Hemm bżonn li jiġi żgurat l-għeluq b'mod korrett tal-Programm predeċessur, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-arranġamenti pluriennali għall-ġestjoni tiegħu, bħall-finanzjament ta' assistenza teknika u amministrattiva. Mill-[1 ta' Jannar 2021], l-assistenza teknika u amministrattiva jenħtieġ li tiżgura, jekk ikun meħtieġ, il-ġestjoni tal-azzjonijiet li għadhom ma ġewx iffinalizzati bħala parti mill-programm predeċessur sal-[31 ta' Diċembru 2020].*

Emenda 45

Proposta għal regolament Premessa 38a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(38a) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-Programm, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li ma jkun hemm l-ebda piż burokratiku mhux meħtieġ għall-applikanti la matul l-istadju ta' applikazzjoni u lanqas matul l-istadju tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet.

Emenda 46

Proposta għal regolament Premessa 38b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(38b) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lil proġetti fuq skala żgħira u l-valur miżjud tagħhom, meta jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tas-setturi kulturali u kreattivi.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) "setturi kulturali u kreattivi" tfisser is-setturi kollha li l-attivitajiet tagħhom huma bbażati fuq valuri kulturali u/jew espressjonijiet artistiċi u espressjonijiet kreattivi oħra individwali jew kollettivi. L-attivitajiet jistgħu jinkludu l-iżvilupp, il-ħolqien, il-produzzjoni, id-disseminazzjoni

(2) "setturi kulturali u kreattivi" tfisser is-setturi kollha li l-attivitajiet tagħhom huma bbażati fuq valuri kulturali u/jew espressjonijiet artistiċi u espressjonijiet, ***u prattiki*** kreattivi oħra individwali jew kollettivi, ***indipendentement min jekk l-attivitajiet humiex orjentati lejn is-suq jew***

u l-preżervazzjoni ta' prodotti u servizzi li jinkorporaw espressjonijiet kulturali, artistiċi jew espressjonijiet kreattivi oħra, kif ukoll il-funzjonijiet relatati bħall-**edukazzjoni** jew il-**ġestjoni**. ***Se jkollhom*** potenzjal li jiġġeneraw l-innovazzjoni u l-impjiegi, b'mod partikolari mill-proprjetà intellettuali. Is-setturi jinkludu l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snaġġa' artistiċi, l-awdjoviżiv (inkluż il-film, it-televiżjoni, il-logħob tal-vidjo u l-multimedia), il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, ***id-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), il-festivals***, il-mużika, il-letteratura, l-arti tal-ispettaklu, il-kotba u l-pubblikazzjoni, ir-radju ***u*** l-arti viżiva;

le. L-attivitajiet jistgħu jinkludu l-iżvilupp, il-ħolqien, il-produzzjoni, id-disseminazzjoni u l-preżervazzjoni ta' ***prattiki***, prodotti u servizzi li jinkorporaw espressjonijiet kulturali, artistiċi jew espressjonijiet kreattivi oħra, kif ukoll il-funzjonijiet relatati bħall-**edukazzjoni** jew il-**ġestjoni**. ***Ħafna minn dawn għandhom*** potenzjal li jiġġeneraw l-innovazzjoni u l-impjiegi, b'mod partikolari mill-proprjetà intellettuali. Is-setturi jinkludu l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snaġġa' artistiċi, l-awdjoviżiv (inkluż il-film, it-televiżjoni, il-logħob tal-vidjo u l-multimedia), il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, il-mużika, il-letteratura, l-arti tal-ispettaklu, il-kotba u l-pubblikazzjoni, ir-radju, l-arti viżiva, ***il-festivals, u d-disinn, inkluż id-disinn tal-moda***;

Emenda 48

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-a) il-kontribut għar-rikonoxximent u l-promozzjoni tal-valur intrinsiku tal-kultura, u s-salvagwardja u l-promozzjoni tal-kwalità tal-kultura u l-kreattività Ewropej bħala dimensjoni distintiva tal-iżvilupp personali, l-edukazzjoni, il-koeżjoni soċjali, il-libertà ta' espressjoni u tal-opinjoni, u tal-arti, it-tiżi u ż-żieda tad-demokrazija, il-ħsieb kritiku, is-sens ta' appartenenza u ċittadinanza u bħala sorsijiet għal midja pluralistika u ambjent kulturali;

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-promozzjoni tal-kooperazzjoni Ewropea b'rabta mad-diversità kulturali u lingwistika u ***mal-wirt*** kulturali u ***lingwistiku***;

Emenda

(a) il-promozzjoni tal-kooperazzjoni Ewropea b'rabta mad-diversità kulturali, ***artistika*** u lingwistika, ***inkluż permezz tat-tisħiħ tar-rwol tal-artisti u tal-operaturi kulturali, tal-kwalità tal-produzzjoni*** kulturali u ***artistika Ewropea, u tal-wirt kulturali komuni tanġibbli u intanġibbli Ewropew***;

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ***żieda fil-kompetittività*** tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari ***f'dik tas-settur awdjoviżiv***.

Emenda

(b) ***trawwim tal-kompetittività*** tas-setturi kulturali u kreattivi ***kollha u żieda tal-piż ekonomiku tagħhom***, b'mod partikolari ***s-settur awdjoviżiv, permezz tal-ħolqien ta' impjiegi u ż-żieda fl-innovazzjoni u l-kreattività ta' daww is-setturi***.

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) it-tisħiħ tad-dimensjoni ***ekonomika***, soċjali u esterna tal-kooperazzjoni fil-livell Ewropew biex jiġu żviluppati u promossi d-diversità kulturali Ewropea u l-wirt kulturali tal-Ewropa, filwaqt li tissaħħaħ il-

Emenda

(a) it-tisħiħ tad-dimensjoni ***artistika, kulturali***, soċjali u esterna tal-kooperazzjoni fil-livell Ewropew biex jiġu żviluppati u promossi d-diversità kulturali Ewropea u l-wirt kulturali ***tanġibbli u***

kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej u jittejbu r-relazzjonijiet kulturali internazzjonali;

intanġibbli tal-Ewropa, filwaqt li tissaħħaħ il-kompetittività **u l-innovazzjoni** tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej u jittejbu r-relazzjonijiet kulturali internazzjonali;

Emenda 52

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) il-promozzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi, inkluż is-settur awdjoviżiv, l-appoġġ lill-artisti, l-operaturi, lin-nies tas-sengħa u l-involviment tal-udjenza b'enfasi partikolari fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-gruppi sottorappreżentati;

Emenda 53

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) il-promozzjoni tal-kompetittività u **tal-iskalabbiltà tal-industrija awdjoviżiva Ewropea;**

(b) il-promozzjoni tal-kompetittività, **l-innovazzjoni, u l-iskalabbiltà tas-settur awdjoviżiv Ewropew, b'mod partikolari tal-SMEs, il-kumpaniji indipendenti tal-produzzjoni u l-organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi u l-promozzjoni tal-kwalità tal-attivitajiet tas-settur awdjoviżiv Ewropew b'mod sostenibbli bil-mira ta' approċċ settorjali u ġeografiku bbilanċjat;**

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni politika u ta' azzjonijiet innovattivi li jappoġġaw il-fergħat kollha tal-programm, **inkluż il-promozzjoni kemm ta' ambjent medjatiku diversifikat u pluralistiku, kif ukoll tal-litteriżmu medjatiku u tal-inklużjoni soċjali.**

Emenda

(c) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni politika u ta' azzjonijiet innovattivi, **inklużi mudelli ġodda ta' negozju u ġestjoni u soluzzjonijiet kreattivi**, li jappoġġaw il-fergħat kollha tal-Programm **u s-setturi kulturali u kreattivi kollha, inkluża s-salvagwardja tal-libertà ta' espressjoni artistika u l-promozzjoni ta' ambjenti kulturali u tal-midja diversi, indipendenti u pluralistiċi, litteriżmu medjatiku, ħiliet diġitali, edukazzjoni kulturali u artistika, ugwajjanza bejn is-sessi, ċittadinanza attiva, djalogu interkulturali, reżiljenza u inklużjoni soċjali, b'mod partikolari ta' persuni b'diżabilità, inkluż permezz ta' aċċessibilità akbar għall-beni u s-servizzi kulturali;**

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) il-promozzjoni tal-mobilità tal-artisti u tal-operaturi tas-setturi kulturali u kreattivi u ċ-ċirkolazzjoni tax-xogħlijiet tagħhom;

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 3 - paragrafu 2 - punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) il-provvista lis-setturi kulturali u kreattivi b'data, analiżi u b'sett adegwat ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi u l-iżvilupp ta' sistema koerenti ta' evalwazzjonijiet u ta' valutazzjonijiet tal-impatt, inklużi dawk b'dimensjoni transsettorjali.

Emenda 57

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) il-fergħa "TRANSSETTORJALI" tkopri l-attivitajiet kollha fis-setturi kulturali u kreattivi.

(c) il-fergħa "TRANSSETTORJALI" tkopri l-attivitajiet kollha fis-setturi kulturali u kreattivi, *inkluż is-settur tal-mezzi ta' informazzjoni.*

Emenda 58

**Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 3a

Valur miżjud Ewropew

Ir-rikonoxximent tal-valur intrinsiku u ekonomiku tal-kultura u l-kreattività u r-rispett tal-kwalità u l-pluralità tal-valuri u l-politiki tal-Unjoni.

Il-Programm għandu jappoġġa biss dawk l-azzjonijiet u l-attivitajiet li jgħolqu valur miżjud Ewropew potenzjali u li jikkontribwixxu għall-ksib tal-għanijiet

ġenerali kif imsemmi fl-Artikolu 3.

Il-valur miżjud Ewropew tal-azzjonijiet u l-attivitajiet tal-Programm għandu jiġi żgurat partikolarment permezz ta':

(a) il-karattru transnazzjonali tal-azzjonijiet u l-attivitajiet li jikkomplementaw programmi u politiki reġjonali, nazzjonali, internazzjonali u tal-Unjoni oħra, u l-impatt ta' tali azzjonijiet u attivitajiet fuq l-aċċess taċ-ċittadini għall-kultura u l-involviment attiv taċ-ċittadini, l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali u d-djalogu interkulturali;

(b) l-iżvilupp u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni transnazzjonali u internazzjonali bejn l-atturi kulturali u kreattivi, inklużi l-artisti, il-professjonisti awdjoviżivi, l-organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi u l-SMEs u l-operaturi awdjoviżivi, li jkunu ffokati biex jistimolaw tweġibiet aktar komprensivi, rapidi, effettivi u fit-tul għall-isfidi globali, b'mod partikolari għall-bidla diġitali;

(c) l-ekonomiji ta' skala u t-tkabbir u l-impjiegi li jrawwem l-appoġġ mill-Unjoni, li jgħinu jkollhom ta' ingranaġġ għal fondi addizzjonali;

(d) l-iżgurar ta' kundizzjonijiet aktar ekwi fis-setturi kulturali u kreattivi billi jitqiesu l-ispeċifikitajiet ta' pajjiżi differenti, inklużi pajjiżi jew reġjuni b'sitwazzjoni ġeografika jew lingwistika partikolari, bħar-reġjuni ultraperiferiċi rikonoxxuti fl-Artikolu 349 tat-TFUE u l-pajjiżi jew it-territorji extra-Ewropej li jaqgħu taħt l-awtorità ta' Stat Membru elenkati fl-Anness II tat-TFUE;

(e) il-promozzjoni ta' narrattiva dwar l-għeruq komuni u d-diversità Ewropea.

Emenda 59

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-a) il-promozzjoni tal-espressjoni u l-ħolqien artistiku;

Emenda 60

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt -aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-aa) it-trawwim tat-talenti, il-kompetenza u l-ħiliet u l-istimolar tal-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni permezz tal-katina sħiħa tas-setturi kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt;

Emenda 61

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) it-tisħiħ tad-dimensjoni transfruntiera u taċ-ċirkolazzjoni ta' operatori u xogħlijiet kulturali u kreattivi Ewropej;

(a) it-tisħiħ tad-dimensjoni transfruntiera, iċ-ċirkolazzjoni u l-viżibilità ta' operatori kulturali u kreattivi Ewropej u u tax-xogħlijiet tagħhom, inkluż permezz ta' programmi ta' residenza, tours, avvenimenti, sessjonijiet ta' ħidma, wirjiet u festivals, kif ukoll iffaċilitar tal-iskambju tal-aħjar Prattiki u tisħiħ tal-kapaċitajiet professjonali;

Emenda 62

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) iż-żieda ***tal-parteċipazzjoni*** kulturali ***fl-Ewropa kollha***;

Emenda

(b) iż-żieda ***fl-aċċess*** kulturali, ***il-parteċipazzjoni u s-sensibilizzazzjoni, u l-involviment tal-udjenza madwar l-Ewropa, speċjalment fir-rigward ta' persuni b'diżabilità jew persuni minn sfondi żvantaġġati***;

Emenda 63

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-promozzjoni tar-reżiljenza u ***l-inklużjoni*** soċjali permezz ***tal-kultura*** u ***tal-wirt*** kulturali;

Emenda

(c) il-promozzjoni tar-reżiljenza ***soċjetali*** u ***t-tisħiħ tal-inklużjoni*** soċjali, ***id-djalogu interkulturali u demokratiku u l-iskambju kulturali*** permezz ***tal-arti, il-kultura*** u ***l-wirt*** kulturali;

Emenda 64

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) it-tisħiħ tal-kapaċità tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej bl-għan li dawn jirnexxu, u ***biex jinħolqu l-impjiegi u t-tkabbir***;

Emenda

(d) it-tisħiħ tal-kapaċità tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej bl-għan li dawn jirnexxu ***u jinnovaw, li jgħolqu xogħlijiet artistiċi, li jiġġeneraw u jiżviluppaw kompetenzi ewlenin, għarfien, ħiliet, prattiki artistiċi ġodda u impjiegi sostenibbli u tkabbir u li jikkontribwixxu***

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(da) li titrawwem il-kapaċità
professjonali ta' persuni fis-setturi
kulturali u kreattivi, billi tingħatalhom is-
setgħa permezz ta' miżuri xierqa;*

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) it-tishiġ tal-identità u ***tal-valuri
Ewropej*** permezz tal-kuxjenza kulturali, ***l-
edukazzjoni*** artistika u l-kreattività bbażata
fuq il-kultura fl-edukazzjoni;

(e) it-tishiġ tal-identità ***Ewropea, iċ-
ċittadinanza attiva u s-sens ta' komunità u
l-valuri demokratiċi*** permezz tal-kuxjenza
kulturali, ***il-wirt kulturali, l-espressjoni, il-
ħsieb kritiku, l-espressjoni*** artistika, ***il-
viżibilità u r-rikonoxximent tal-persuni li
jogħolqu xogħlijiet artistiċi, l-arti, l-
edukazzjoni*** u l-kreattività bbażata fuq il-
kultura fl-edukazzjoni ***formali, mhux
formali u informali tul il-ħajja;***

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) il-promozzjoni tal-bini ta' kapaċità tas-setturi kulturali u kreattivi internazzjonali sabiex ikunu attivi fil-livell internazzjonali;

Emenda

(f) il-promozzjoni tal-bini ta' kapaċità tas-setturi kulturali u kreattivi internazzjonali, ***inklużi l-organizzazzjonijiet ta' bażi u mikro***, sabiex ikunu attivi fil-livell internazzjonali;

Emenda 68

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt g**

Test propost mill-Kummissjoni

(g) l-għoti ta' kontribut lejn l-istrategġja globali tal-Unjoni għar-relazzjonijiet internazzjonali permezz ***tad-diplomazija*** kulturali.

Emenda

(g) l-għoti ta' kontribut lejn l-istrategġja globali tal-Unjoni għar-relazzjonijiet ***kulturali*** internazzjonali ***billi jimmira li jiżgura l-impatt fit-tul tal-istrategġja permezz ta' approċċ bejn il-persuni li tinvolvi lin-netwerks kulturali, is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet lokali.***

Emenda 69

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Bħala parti mill-azzjonijiet speċifiċi segwiti bħala parti mill-fergħa KULTURA, is-settur tal-mużika se jkun fokus partikolari f'termini tad-distribuzzjoni finanzjarja u tal-azzjonijiet immirati. It-talbiet u l-istrumenti mfassla apposta se jgħinu jagħtu spinta lill-kompetittività tas-settur tal-mużika u jindirizzaw xi sfidi speċifiċi li dan jiffaċċja.

Emenda 70

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) it-trawwim tat-talenti **u** tal-ħiliet u l-istimolar tal-kollaborazzjoni u tal-innovazzjoni fil-ħolqien u l-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej;

Emenda

(a) it-trawwim tat-talenti, ***tal-kompetenzi***, tal-ħiliet u ***tal-użu ta' teknoloġiji diġitali u*** l-istimolar tal-kollaborazzjoni, ***tal-mobbiltà*** u tal-innovazzjoni fil-ħolqien u l-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, ***inkluż bejn il-fruntieri***;

Emenda 71

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ***it-tisħiħ tad-distribuzzjoni fiċ-ċinemas u online u l-provvista ta' aċċess usa' bejn il-fruntieri għal*** xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, ***inkluż permezz ta' mudelli ta' negozju innovattivi u permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda***;

Emenda

(b) ***it-titjib taċ-ċirkolazzjoni transnazzjonali u internazzjonali u tad-distribuzzjoni online u offline, b'mod partikolari d-distribuzzjoni fiċ-ċinemas, ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fl-ambjent diġitali l-ġdid***;

Emenda 72

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) l-għoti ta' aċċess usa' għax-xogħlijiet awdjoviżivi tal-Unjoni għall-udjenzi internazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni, l-avvenimenti, l-attivitajiet u l-festivals tal-litteriżmu fil-qasam tal-films;

Emenda 73

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) it-tisħiħ tal-wirt awdjoviżiv u l-faċilitazzjoni tal-aċċess għal, u l-appoġġ u l-promozzjoni ta', arkivji u libreriji awdjoviżivi bħala sorsi ta' memorja, edukazzjoni, użu mill-ġdid u negozju ġdid, anke permezz tal-aħħar teknoloġiji diġitali;

Emenda 74

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-promozzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej u ***l-għoti ta' appoġġ lill-iżvilupp*** tal-udjenzi ***kemm*** fl-Ewropa ***kif ukoll*** lil hinn minnha.

Emenda

(c) il-promozzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej u ***l-appoġġ tal-involviment*** tal-udjenzi ***ta' kull età, b'mod partikolari l-udjenzi żgħażaġh u l-persuni b'diżabilità, għall-użu proattiv u legali ta' xogħlijiet awdjoviżivi*** fl-Ewropa ***u*** lil hinn minnha ***u għall-kondiviżjoni tal-kontenut iġġenerat mill-utent, anke bil-promozzjoni tal-edukazzjoni dwar il-films u l-edukazzjoni awdjoviżiva.***

Emenda 75

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Dawn il-prijoritajiet għandhom jiġu indirizzati permezz ta' appoġġ għall-ħolqien, il-promozzjoni, l-aċċess, u d-disseminazzjoni ta' xogħlijiet Ewropej

Emenda

Dawn il-prijoritajiet għandhom jiġu indirizzati permezz ta' appoġġ għall-ħolqien, il-promozzjoni, l-aċċess, u d-disseminazzjoni ta' xogħlijiet Ewropej, ***it-***

b'potenzjal li jilhq u djenzi *kbar* kemm fl-Ewropa kif ukoll lil hinn minnha, u b'hekk għandhom iwasslu għal adattament għal żviluppi ġodda tas-suq u jakkumpanjaw id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva.

tixrid tal-valuri u tal-identità komuni Ewropej, bil-potenzjal li jilhq u djenzi *ta' kull età* kemm fl-Ewropa kif ukoll lil hinn minnha, u b'hekk għandhom iwasslu għal adattament għal żviluppi ġodda tas-suq u jakkumpanjaw id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva.

Emenda 76

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-għoti ta' appoġġ għall-kooperazzjoni politika transnazzjonali u transsettorjali, inkluż fir-rigward tar-rwol tal-kultura fl-inklużjoni soċjali, u l-promozzjoni tal-għarfien tal-programm, kif ukoll l-għoti ta' appoġġ għat-trasferibbiltà tar-riżultati;

Emenda

(a) l-għoti ta' appoġġ għall-kooperazzjoni politika transnazzjonali u transsettorjali, inkluż fir-rigward *tal-promozzjoni* tar-rwol tal-kultura fl-inklużjoni soċjali, *b'mod partikolari fir-rigward tal-persuni b'diżabilità u tat-tisħiħ tad-demokrazija* u l-promozzjoni tal-għarfien tal-programm, kif ukoll l-għoti ta' appoġġ għat-trasferibbiltà tar-riżultati *sabiex tiżdied il-viżibbiltà tal-Programm;*

Emenda 77

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-promozzjoni ta' approċċi innovattivi għall-ħolqien, l-aċċess, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni ***tal-kontenut fost setturi*** kulturali u kreattivi ***differenti***;

Emenda

(b) il-promozzjoni ta' approċċi innovattivi għall-ħolqien ***tal-kontenut artistiku u għar-riċerka***, l-aċċess, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni ***artistiċi filwaqt li titqies il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, fis-setturi*** kulturali u kreattivi, ***li jkopru kemm id-dimensjoni tas-suq kif ukoll dik mhux tas-suq***;

Emenda 78

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-promozzjoni ta' attivitajiet trażversali li jkopru bosta setturi bl-għan li jsir aġġustament għall-bidliet strutturali li jiffaċċja s-settur tal-media, inkluż it-tisħiħ ta' ambjent medjatiku ħieles, diversifikat u pluralistiku, ***tal-ġurnaliżmu ta' kwalità*** u

Emenda

(c) il-promozzjoni ta' attivitajiet trażversali li jkopru bosta setturi bl-għan li jsir aġġustament għall-bidliet strutturali ***u teknoloġiċi*** li jiffaċċja s-settur tal-media, inkluż it-tisħiħ ta' ambjent medjatiku, ***artistiku u kulturali*** ħieles, diversifikat u

tal-litteriżmu medjatiku;

pluralistiku, *l-etika professjonali fil-
ġurnaliżmu, il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu*
medjatiku, *b'mod partikolari fost iż-
żghażaġh bl-għajnuna għall-adattament*
għal għodod u formats medjatiċi ġodda u
*għall-ġlieda kontra t-tixrid tad-
diżinformazzjoni;*

Emenda 79

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) it-twaqqif u *l-għoti ta' appoġġ lil*
Desks tal-Programm *għal għanijiet ta'*
promozzjoni tal-Programm fil-pajjiż
tagħhom, u *biex ihegħgu l-kooperazzjoni*
transfruntiera fis-setturi kulturali u
kreattivi.

(d) it-twaqqif u *l-appoġġ tal-involvement*
attiv ta' Desks tal-Programm *fil-pajjiżi*
parteċipanti, il-promozzjoni tal-Programm
fil-pajjiżi tagħhom, *b'mod ġust u bilanċjat,*
anke permezz ta' attivitajiet ta' networks
fil-post, u l-appoġġ tal-applikanti b'rabta
tal-Programm u l-għoti ta' informazzjoni
bażika dwar opportunitajiet ta' appoġġ
rilevanti oħra disponibbli taħt programmi
ffinanzjati mill-Unjoni u t-thegħiġ tal-
kooperazzjoni transfruntiera *u tal-*
iskambju tal-aħjar Prattiki fis-setturi
kulturali u kreattivi.

Emenda 80

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-2021 sal-2027 għandu jkun ta' EUR **1 850 000 000**, f'termini ta' prezzijiet **attwali**.

Emenda

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-2021 sal-2027 għandu jkun ta' EUR **2 806 000 000**, f'termini ta' prezzijiet **kostanti**.

Emenda 81

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– **sa EUR 609 000 000** għall-għan imsemmi fl-Artikolu 3(2)(a) (il-fergħa KULTURA);

Emenda

– **mhux inqas minn 33 %** għall-għan imsemmi fl-Artikolu 3(2)(a) (il-fergħa KULTURA);

Emenda 82

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

- **sa EUR 1 081 000 000** għall-għan imsemmi fl-Artikolu 3(2)(b) (il-fergħa MEDIA);

Emenda

- ***mhux inqas minn 58 %*** għall-għan imsemmi fl-Artikolu 3(2)(b) (il-fergħa MEDIA);

Emenda 83

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

- **sa EUR 160 000 000** għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3(2)(c) (il-fergħa TRANSSETTORJALI).

Emenda

- **sa 9 %** għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3(2)(c) (il-fergħa TRANSSETTORJALI) ***li jiżguraw allokazżjoni finanzjarja lil kull Desk nazzjonali "Ewropea Kreattiva" mill-inqas fl-istess livell bħall-allokazżjoni finanzjarja prevista fir-Regolament (KE) Nru 1295/2013.***

Emenda 84

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Apparti l-pakkett finanzjarju kif indikat fil-paragrafu 1, u sabiex tiġi promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-Programm, jistgħu jiġu magħmula disponibbli kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali mill-istrumenti ta' finanzjament esterni [l-Istrument tal-Viċinat, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)], bħala appoġġ għal azzjonijiet implimentati u ġestiti skont dan ir-Regolament. Din il-kontribuzzjoni għandha tiġi ffinanzjata skont ir-Regolamenti li jistabbilixxu dawk l-istrumenti.

Emenda

3. Apparti l-pakkett finanzjarju kif indikat fil-paragrafu 1, u sabiex tiġi promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-Programm, jistgħu jiġu magħmula disponibbli kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali mill-istrumenti ta' finanzjament esterni [l-Istrument tal-Viċinat, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)], bħala appoġġ għal azzjonijiet implimentati u ġestiti skont dan ir-Regolament. Din il-kontribuzzjoni għandha tiġi ffinanzjata skont ir-Regolamenti li jistabbilixxu dawk l-istrumenti ***u għandha tiġi rapportata kull sena lill-awtorità baġitarja, flimkien mal-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi terzi għall-programm.***

Emenda 85

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Pajjiżi terzi jistgħu jipparteċipaw fl-istrutturi ta' governanza tal-Programmi u fil-forums tal-partijiet ikkonċernati bil-għan tal-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni.

Emenda 151

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi msemmija fil-punti (a), **(b) u (c)** tal-paragrafu 1 fil-fergħa MEDIA u fil-fergħa TRANSSETTORJALI għandha tkun soġġetta għas-sodisfar tal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2010/13/UE.

2. Il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi msemmija fil-punti minn (a) **sa (d)** tal-paragrafu 1 fil-fergħa MEDIA u fil-fergħa TRANSSETTORJALI għandha tkun soġġetta għas-sodisfar tal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2010/13/UE.

Emenda 86

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-ftehimiet mal-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm taħt dan ir-Regolament għandhom jiġu ffaċilitati

permezz ta' proċeduri li jkunu aktar rapidi minn dawk taħt ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013. Il-ftehimiet ma' pajjiżi ġodda għandhom jiġu promossi b'mod proattiv.

Emenda 87

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-aċċess għall-Programm għandu jkun miftuħ għal organizzazzjonijiet internazzjonali li huma attivi fl-oqsma koperti mill-Programm b'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

Emenda

1. L-aċċess għall-Programm għandu jkun miftuħ għal organizzazzjonijiet internazzjonali li huma attivi fl-oqsma koperti mill-Programm, ***bħall-UNESCO, il-Kunsill tal-Ewropa, permezz ta' kollaborazzjoni aktar strutturata mar-Rotot Kulturali u mal-Euroimages, l-Osservatorju tal-EUIPO, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettwali u l-OECD, abbażi ta' kontributi konġunti, għall-ilħuq tal-għanijiet tal-Programm u*** b'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

Emenda 152

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Unjoni għandha tkun membru tal-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew tul il-Programm. Il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-Osservatorju għandha tikkontribwixxi lejn l-ilħuq tal-prijoritajiet tal-fergħa MEDIA. Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Unjoni fit-trattamenti tagħha mal-Osservatorju. Il-fergħa MEDIA għandha tappoġġa l-ħlas tat-tariffa ta' kontribuzzjoni għas-sħubija tal-Unjoni fl-Osservatorju ***biex jitrawmu*** l-ġbir u l-analiżi tad-data fis-settur awdjoviżiv.

Emenda

2. L-Unjoni għandha tkun membru tal-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew tul il-Programm. Il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-Osservatorju għandha tikkontribwixxi lejn l-ilħuq tal-prijoritajiet tal-fergħa MEDIA. Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta lill-Unjoni fit-trattamenti tagħha mal-Osservatorju. Il-fergħa MEDIA għandha tappoġġa l-ħlas tat-tariffa ta' kontribuzzjoni għas-sħubija tal-Unjoni fl-Osservatorju ***u*** l-ġbir u l-analiżi tad-data fis-settur awdjoviżiv.

Emenda 88

Proposta għal regolament

Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 9a

Ġbir tad-data dwar is-setturi kulturali u kreattivi

Il-Kummissjoni għandha ssaħħaħ il-kooperazzjoni fis-servizzi tagħha, bħaċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u l-Eurostat, bil-għan li tiġbor data statistika xierqa u tanalizza l-impatt tal-politiki kulturali. Għal dak il-kompitu, il-Kummissjoni għandha taġixxi f'kooperazzjoni maċ-ċentri ta' eċċellenza fl-Ewropa u mal-

istituti nazzjonali tal-istatistika u għandha taġixxi f'kollaborazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa, mal-OECD u mal-UNESCO. B'hekk għandha tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-għanijiet tal-fergħa KULTURA u ssegwi mill-qrib l-iżviluppi tal-politika kulturali, anke billi tinkludi lill-partijiet ikkonċernati fi stadju aktar bikri fir-riflessjoni u fl-adattament tal-indikaturi komuni għal setturi differenti jew indikaturi speċifiċi għal kull dominju ta' attivitajiet. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment dwar dawk l-attivitajiet lill-Parlament Ewropew.

Emenda 89

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-operazzjonijiet ta' taħlit skont ***dan*** il-Programm għandhom jiġu implimentati b'konformità ***mar-[regolament InvestUE]*** u ***t-Titolu X*** tar-Regolament Finanzjarju.

Emenda

3. L-operazzjonijiet ta' taħlit skont il-Programm għandhom jiġu implimentati b'konformità ***mat-Titolu X*** tar-Regolament Finanzjarju ***u l-proċeduri stabbiliti fir-[Regolament InvestEU]. Il-faċilità ta' garanzija dedikata maħluqa taħt Ewropa Kreattiva għandha titkompla taħt ir-[Regolament InvestEU] u għandha tqis il-***

prattiki ta' implimentazzjoni żviluppati fil-qafas tal-Faċilità ta' Garanzija tas-Setturi Kulturali u Kreattivi stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1295/2013.

Emenda 90

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni reċiproka jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' fondi dovuti minn riċevituri, u skont ir-Regolament Finanzjarju għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet stipulati fl-[Artikolu X tar-]Regolament XXX [is-suċċessur tar-Regolament dwar il-Fond ta' Garanzija].

Emenda

4. Kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni reċiproka jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' fondi dovuti minn riċevituri, u skont ir-Regolament Finanzjarju għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet stipulati fl-[Artikolu X tar-]Regolament XXX [is-suċċessur tar-Regolament dwar il-Fond ta' Garanzija], *mibnija fuq, u li jqisu, il-prattiki ta' implimentazzjoni diġà żviluppati.*

Emenda 91

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 4a (ġdid)

4a. Sabiex tiġi promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-Programm, il-programmi stabbiliti bir-Regolament .../...[Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali] u r-Regolament .../... [IPAIII] għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-azzjonijiet stabbiliti taħt dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-użu ta' dawk il-programmi, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mar-Regolamenti li jirregolawhom rispettivament.

Emenda 92

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 1

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma **annwali** msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju. **L-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma għandha tkun preċeduta**

ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit.

b'konsultazzjonijiet mad-diversi partijiet ikkonċernati sabiex ikun żgurat li l-azzjonijiet ippjanati jappoġġaw lis-setturi differenti involuti bl-aħjar mod possibbli.

Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit, *li m'għandhomx jieħdu preċedenza fuq il-finanzjament dirett fil-forma ta' sussidji.*

L-objettivi ġenerali u speċifiċi u l-prijoritajiet u l-azzjonijiet ta' politika korrispondenti tal-Programm, kif ukoll il-baġit allokat għal kull azzjoni, għandhom jiġu speċifikati fid-dettall fil-programmi ta' ħidma annwali. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jkun fih ukoll skeda ta' żmien indikattiva ta' implimentazzjoni.

Emenda 93

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-programm ta' ħidma għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 19 sabiex tissupplementa dan ir-Regolament

billi tistabbilixxi programmi ta' ħidma annwali.

Ġustifikazzjoni

Sabiex ikun ċar li l-programm ta' ħidma annwali huwa importanti għall-istabbiliment tal-prijoritajiet baġitarji attwali.

Emenda 94

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Is-sejħiet għal proposti jistgħu jqisu l-ħtieġa li jiġi żgurat appoġġ xieraq għal proġetti fuq skala żgħira taħt il-fergħa KULTURA permezz ta' miżuri li jistgħu jinkludu rati ogħla ta' kofinanzjament.

Emenda 95

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1b (ġdid)

1b. L-għotjiet għandhom jingħataw b'kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi li ġejjin ta' kull proġett:

(a) il-kwalità tal-proġett;

(b) l-effett;

(c) il-kwalità u l-effiċjenza fl-implimentazzjoni tiegħu.

Emenda 96

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 2

2. Il-kumitat ta' evalwazzjoni jista' jkun magħmul minn esperti esterni.

2. Il-kumitat ta' evalwazzjoni jista' jkun magħmul minn esperti esterni. ***Għandu jiltaqa' fil-preżenza fiżika tal-membri tiegħu jew b'mod remot.***

L-esperti għandu jkollhom sfond professjonali relatat mal-qasam ivvalutat. Il-kumitat ta' evalwazzjoni jista' jitlob l-opinjoni ta' esperti mill-pajjiż tal-applikazzjoni.

Emenda 97

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. B'deroga mill-Artikolu [130(2)] tar-Regolament Finanzjarju, u f'każijiet debitament ġustifikati, il-kostijiet imġarrba mill-benefiċjarju qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-ġhotja **jistgħu** jitqiesu eliġibbli, sakemm ikunu marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet u l-attivitajiet appoġġati.

Emenda

3. B'deroga mill-Artikolu [130(2)] tar-Regolament Finanzjarju, u f'każijiet debitament ġustifikati, il-kostijiet imġarrba mill-benefiċjarju qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-ġhotja **għandhom** jitqiesu eliġibbli, sakemm ikunu marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet u l-attivitajiet appoġġati.

Emenda 98

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-entitajiet li ġejjin jistgħu jingħataw għotjiet mingħajr sejħa għal proposti:

Emenda

5. L-entitajiet li ġejjin jistgħu **eċċezzjonalment** jingħataw għotjiet mingħajr sejħa għal proposti, **abbażi ta' missjonijiet u objettivi speċifiċi li**

*għandhom jiġu definiti mill-Kummissjoni
u vvalutati regolarment bi qbil mal-
objettivi tal-Programm:*

Emenda 99

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) L-Akkademja Ewropea tal-Films;

(a) L-Akkademja Ewropea tal-Films *fil-
qafas ta' kooperazzjoni mal-Parlament
Ewropew dwar il-Premju
Ċinematografiku LUX, wara ftehim ta'
kooperazzjoni nnegożjat u ffirmit mill-
partijiet u b'kollaborazzjoni maċ-Ċinemas
Ewropej, sakemm jiġi konkluż ftehim ta'
kooperazzjoni, il-fondi previsti għandhom
jiqiegħdu friżerva;*

Emenda 100

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 5 – punt b

(b) L-Orkestra taż-Żgħażaġħ tal-Unjoni Ewropea.

(b) L-Orkestra taż-Żgħażaġħ tal-Unjoni Ewropea ***għall-attivitajiet tagħha, inkluża l-għażla regolari ta', u t-taħriġ għal, mużiċisti żgħażaġh mill-Istati Membri kollha permezz ta' programmi ta' residenza li joffru mobbiltà u l-opportunità li jdoqqu f'festivals u f'tours fl-Unjoni u fil-livell internazzjonali u li jikkontribwixxu għaċ-ċirkolazzjoni tal-kultura Ewropea bejn il-fruntieri u għall-internazzjonalizzazzjoni tal-karrieri ta' mużiċisti żgħażaġh, bil-għan ta' bilanċ ġeografiku tal-parteċipanti; l-Orkestra taż-Żgħażaġħ tal-Unjoni Ewropea għandha tiddiversifika kontinwament id-dħul tagħha billi tfittex b'mod attiv appoġġ finanzjarju minn sorsi ġodda, filwaqt li tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq fondi tal-Unjoni; l-attivitajiet tal-Orkestra taż-Żgħażaġħ tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu konformi mal-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Programm u tal-fergħa KULTURA, b'mod partikolari l-involviment tal-udjenzi.***

Emenda 101

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżgura l-konsistenza u ***l-kumplimentarjetà*** globali tal-Programm mal-politiki u l-programmi rilevanti, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-bilanċ bejn is-sessi, l-edukazzjoni, iż-żgħażaġ u s-solidarjetà, l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-industrija u l-intrapriżi, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, l-ambjent u l-azzjoni klimatika, il-koeżjoni, il-politika reġjonali u urbana, l-ġhajnuna mill-Istat u l-kooperazzjoni u l-iżvilupp internazzjonali.

Emenda

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżgura l-konsistenza u ***l-komplementarjetà*** globali tal-Programm mal-politiki u l-programmi rilevanti, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-bilanċ bejn is-sessi, l-edukazzjoni, ***b'mod partikolari l-edukazzjoni diġitali u l-litteriżmu medjatiku***, iż-żgħażaġ u s-solidarjetà, l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, ***b'mod partikolari għall-gruppi emarġinati u għall-minoranzi***, ir-riċerka u l-innovazzjoni, ***inkluża l-innovazzjoni soċjali***, l-industrija u l-intrapriżi, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, l-ambjent u l-azzjoni klimatika, il-koeżjoni, il-politika reġjonali u urbana, ***it-turiżmu sostenibbli***, l-ġhajnuna mill-Istat, ***il-mobbiltà*** u l-kooperazzjoni u l-iżvilupp internazzjonali, ***anke biex tippromwovi l-użu effikaċi tal-fondi pubbliċi***.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta l-proċeduri stabbiliti fil-[Programm InvestEU] jiġu applikati għall-finijiet tal-Programm, iqisu l-prattiki żviluppanti fil-

Emenda 102

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) tikkonforma mar-rekwiżiti ***minimi***
dwar il-kwalità ta' dik is-sejħa għal
proposti;

Emenda

(b) tikkonforma mar-rekwiżiti dwar il-
kwalità ***għolja*** ta' dik is-sejħa għal
proposti;

Emenda 103

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***2a. Proposti li ngħataw Siġill ta'
Eċċellenza jistgħu jirċievu fondi
direttament minn programmi oħra u minn
fondi taħt ir-Regolament [ir-Regolament
CPR COM(2018)0375] b'konformità mal-
Artikolu 67(5) tiegħu, dment li tali***

proposti jkunu konsistenti mal-objettivi tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kriterji tal-għażla u tal-għoti għall-proġetti li għandhom jingħataw is-Siġill ta' Eċċellenza jkunu koerenti, ċari u trasparenti għall-benefiċjarji potenzjali.

Emenda 104

Proposta għal regolament

Artikolu 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 16a

Il-Faċilità ta' Garanzija tas-Setturi Kulturali u Kreattivi taħt InvestEU

1. L-appoġġ finanzjarju permezz tal-Programm InvestEU l-ġdid għandu jibni fuq l-objettivi u l-kriterji tal-Faċilità ta' Garanzija tas-Setturi Kulturali u Kreattivi filwaqt li jqis l-ispeċifità tas-settur.

2. Il-Programm InvestEU għandu jipprovdi:

(a) lill-SMEs u lill-organizzazzjonijiet mikro, iżgħar u ta' daqs medju fis-setturi kulturali u kreattivi b'aċċess għall-fondi;

*(b) garanziji lill-intermedjarji
finanzjarji parteċipanti minn kwalunkwe
pajjiż li jipparteċipa fil-Faċilità ta'
Garanzija;*

*(c) lill-intermedjarji finanzjarji
parteċipanti b'għarfien espert addizzjonali
għall-valutazzjoni tar-riskji assoċjati mal-
SMEs u l-organizzazzjonijiet mikro, żgħar
u ta' daqs medju u ma' proġetti kulturali
u kreattivi;*

*(d) il-volum tal-finanzjament b'dejn li
jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-SMEs u
tal-organizzazzjonijiet mikro, żgħar u ta'
daqs medju;*

*(e) l-SMEs u l-organizzazzjonijiet
mikro, żgħar u medji madwar ir-reġjuni u
s-setturi bil-kapaċità li jibnu portafoll
diversifikat ta' self u li jipproponu pjan ta'
kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni;*

*(f) il-forom ta' self li ġejjin: investiment
f'assi tanġibbli u intanġibbli bl-esklużjoni
ta' kollateral personali; trasferiment tan-
negozju; kapital operatorju, bħal self
interim, gap financing, fluss ta' flus u
linji ta' kreditu.*

Emenda 105

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-fergħat għandu jkollhom sett komuni ta' indikaturi kwalitattivi. Kull fergħa għandu jkollha sett iddedikat ta' indikaturi.

Emenda 106

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Biex tiġi żgurata valutazzjoni effettiva tal-progress tal-programm lejn ***il-kisba*** tal-għanijiet tiegħu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 19 sabiex tiżviluppa d-dispożizzjonijiet għal qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inklużi emendi għall-Anness II bl-għan li l-indikaturi jiġi rieżaminati jew ***supplimentati fejn meħtieġ għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.***

2. Biex tiġi żgurata valutazzjoni effettiva tal-progress tal-programm lejn ***l-ilħuq*** tal-għanijiet tiegħu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 19 sabiex tiżviluppa d-dispożizzjonijiet għal qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inklużi emendi għall-Anness II bl-għan li l-indikaturi jiġi rieżaminati jew ***supplementati. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat***

*dwar l-indikaturi sal-
31 ta' Diċembru 2022.*

Emenda 107

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Iċ-ċifri disponibbli dwar l-ammont ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament li kienu jkunu meħtieġa għall-finanzjament tal-proġetti mogħtija s-Siġill ta' Eċċellenza għandhom jiġu kkomunikati kull sena liż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, tal-inqas tliet xhur qabel id-data tal-pubblikazzjoni tal-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom dwar il-baġit tal-Unjoni għas-sena ta' wara, skont il-kalendarju stabbilit bi ftehim komuni għall-proċedura baġitarja annwali.

Emenda 108

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 2

2. *L-evalwazzjoni interim tal-Programm għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm.*

2. *Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Programm għandu jsir sat-30 ta' Ġunju 2024.*

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapport tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2024.

Il-Kummissjoni, fejn mehtiegħ u abbażi tar-rieżami ta' nofs it-terminu, għandha tressaq proposta leġiżlattiva għar-reviżjoni ta' dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

Biex ikun previst rieżami ta' nofs it-terminu xieraq u f'waqtu.

Emenda 109

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn sentejn wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, għandha ***titwettaq*** evalwazzjoni finali tal-Programm mill-Kummissjoni.

3. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn sentejn wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, għandha ***titressaq*** evalwazzjoni finali tal-Programm mill-Kummissjoni.

Emenda 110

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-orijini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi inkluż ***lill-midja*** u lill-pubbliku.

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-orijini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi inkluż ***lill-media*** u lill-pubbliku, ***b'mod partikolari l-isem tal-Programm u, fil-każ ta' azzjonijiet iffinanzjati permezz tal-fergħa MEDIA, il-logo MEDIA. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa logo KULTURA li għandu***

jintuża għal azzjonijiet iffinanzjati taħt il-fergħa KULTURA.

Emenda 111

Proposta għal regolament

Anness I – punt 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) Proġetti ta' kooperazzjoni;

(a) Proġetti ta' kooperazzjoni
*transnazzjonali b'distinzzjoni ċara bejn
proġetti fuq skala żgħira, medja u kbira u
b'attenzjoni speċjali għal
organizzazzjonijiet kulturali mikro u
żgħar;*

Emenda 112

Proposta għal regolament

Anness I – punt 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) Mobbiltà tal-artisti u tal-operaturi
tas-setturi kulturali u kreattivi;

(d) Mobbiltà tal-artisti , *tal-artiġjani* u
tal-operaturi tas-setturi kulturali u kreattivi
*fl-attività transnazzjonali tagħhom, inkluż
li jkopru kostijiet relatati mal-attività*

*artistika, iċ-ċirkolazzjoni tax-xogħlijiet
artistiċi u kulturali;*

Emenda 113

Proposta għal regolament

Anness I – punt 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) Appoġġ għal organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi biex joperaw fil-livell internazzjonali;

(e) Appoġġ għal organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi biex joperaw fil-livell internazzjonali ***u biex jiżviluppaw it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħhom;***

Emenda 114

Proposta għal regolament

Anness I – punt 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) Appoġġ għas-settur tal-mużika: promozzjoni tad-diversità, tal-kreattività u tal-innovazzjoni fis-settur tal-mużika, b'mod partikolari ***d-distribuzzjoni tar-repertorju*** mużikali fl-Ewropa u lil hinn minnha, ***azzjonijiet ta' taħriġ*** u l-iżvilupp

(a) Appoġġ għas-settur tal-mużika: promozzjoni tad-diversità, tal-kreattività u tal-innovazzjoni fis-settur tal-mużika, b'mod partikolari ***s-settur tal-mużika live, anke permezz tan-netwerking, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni ta'***

xogħlijiet u ta' repertorju mużikali
Ewropej diversifikati fl-Ewropa u lil hinn
minnha, *it-taħriġ, il-parteciġipazzjoni fil-*
mużika u *l-aċċess għall-mużika*, l-iżvilupp
tal-udjenzi, *il-viżibbiltà u r-rikonoxximent*
ta' dawk li jgħid li xogħlijiet artistiċi, tal-
promoturi u tal-artisti, b'mod partikolari
dawk iżgħażaġh u emerġenti, kif ukoll
appoġġ għall-għbir u l-analiżi tad-data;

Anness I – punt 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Emenda

(b) Appoġġ għas-settur tal-kotba u tal-pubblikazzjoni: azzjonijiet immirati għall-promozzjoni tad-diversità, tal-kreattività, tal-innovazzjoni, b'mod partikolari t-traduzzjoni, ***l-adattament f'formats aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, il-promozzjoni*** tal-letteratura Ewropea ***bejn*** il-fruntieri fl-Ewropa u lil hinn minnha, ***anke permezz tal-libreriji, it-taħriġ u l-iskambji*** għall-professjonisti fis-settur, l-awturi u t-tradutturi kif ukoll proġetti transnazzjonali għall-kollaborazzjoni, l-innovazzjoni u l-iżvilupp fis-settur;

Emenda 116

Proposta għal regolament

Anness I – punt 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Appoġġ għas-setturi ***tal-arkitettura*** u ***tal-wirt kulturali***: azzjonijiet immirati għall-mobbiltà tal-operaturi, ***il-bini tal-kapaċità, l-iżvilupp*** tal-udjenzi u ***l-internazzjonalizzazzjoni tas-setturi tal-wirt kulturali u tal-arkitettura***, il-promozzjoni ta' ***Baukultur, l-appoġġ għas-salvagwardja, għall-konservazzjoni u għat-titjib*** tal-wirt kulturali ***tanġibbli u intanġibbli*** u tal-valuri tiegħu permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, ta' networking ***u*** ta' taġlim bejn il-pari;

Emenda

(c) Appoġġ għas-setturi ***tal-wirt kulturali*** u ***għall-arkitettura***: azzjonijiet immirati għall-mobbiltà tal-operaturi, ***ir-riċerka, l-istabbiliment ta' standards ta' kwalità għolja, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-ħiliet professjonali għall-artiġjani, l-involviment*** tal-udjenzi, ***l-appoġġ għas-salvagwardja, il-konservazzjoni, ir-riġenerazzjoni tal-ispazji tal-ħajja, l-użu mill-ġdid adattiv***, il-promozzjoni ***tal-Baukultur, is-sostenibbiltà, id-disseminazzjoni, it-titjib u l-internazzjonalizzazzjoni*** tal-wirt kulturali u tal-valuri tiegħu permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, ta' networking, ta' taġlim bejn il-pari;

Emenda 117

Proposta għal regolament

Anness I – punt 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) Appoġġ għal setturi oħra: azzjonijiet *immirati* favur l-iżvilupp tal-aspetti kreattivi *tas-setturi* tad-disinn u tal-moda u *tat-turiżmu* kulturali, kif ukoll il-promozzjoni u r-rappreżentanza tagħhom barra l-Unjoni Ewropea.

Emenda

(d) Appoġġ għal setturi oħra: azzjonijiet *ta' promozzjoni mmirati* favur l-iżvilupp tal-aspetti kreattivi *ta' setturi oħra, inklużi s-setturi* tad-disinn u tal-moda u *turiżmu* kulturali *sostenibbli*, kif ukoll il-promozzjoni u r-rappreżentanza tagħhom barra l-Unjoni Ewropea.

Emenda 118

Proposta għal regolament

Anness I – punt 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Appoġġ għas-setturi kulturali u kreattivi kollha fl-oqsma ta' ħtieġa komuni, billi azzjoni settorjali tista' tiġi żviluppata kif ikun xieraq fil-każijiet fejn l-ispeċifikitajiet ta' subsettur jiġġustifikaw approċċ immirat. Għandu jittieħed approċċ orizzontali għall-proġetti

transnazzjonali għall-kollaborazzjoni, għall-mobbiltà u għall-internazzjonalizzazzjoni, inkluż permezz ta' programmi ta' residenza, tours, avvenimenti, live performances, wirjiet u festivals, kif ukoll għall-promozzjoni tad-diversità, il-kreattività u l-innovazzjoni, it-taħriġ u l-iskambji għal professjonisti tas-settur, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, in-networking, il-ħiliet, l-iżvilupp tal-udjenzi u l-ġbir u l-analiżi tad-data. L-azzjonijiet settorjali għandhom jibbenefikaw minn baġits li jkunu proporzjonati għas-setturi identifikati bħala prijoritajiet. L-azzjonijiet settorjali għandhom jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw is-setturi ta' prijorità differenti identifikati f'dan l-Anness, billi jibnu fuq il-proġetti pilota eżistenti u fuq azzjonijiet preparatorji.

Emenda 119

Proposta għal regolament

Anness I – punt 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Azzjonijiet speċjali bl-għan li d-diversità u l-wirt kulturali ***Ewropej isiru*** viżibbli u

Azzjonijiet speċjali bl-għan li ***l-identità Ewropea u*** d-diversità u l-wirt kulturali

tanġibbli, u biex jitrawwem id-djalogu interkulturali:

tagħha jsiru viżibbli u tanġibbli, u biex jitrawwem id-djalogu interkulturali:

Emenda 120

Proposta għal regolament

Anness I – punt 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew jiżgura appoġġ finanzjarju għad-Deċiżjoni Nru 1194/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴;

³⁴ Id-Deċiżjoni Nru 1194/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Novembru 2011 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew (ĠU L 303, 22.11.2011, p. 1).

Emenda

(b) Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew jiżgura appoġġ finanzjarju għad-Deċiżjoni Nru 1194/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴ *u n-netwerk tas-siti taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew*;

³⁴ Id-Deċiżjoni Nru 1194/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Novembru 2011 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew (ĠU L 303, 22.11.2011, p. 1).

Emenda 121

Proposta għal regolament

Anness I – punt 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) Il-premjijiet kulturali tal-UE;

(c) Il-premjijiet kulturali tal-UE, ***inkluż il-Premju Teatrali Ewropew***;

Emenda 122

Proposta għal regolament

Anness I – punt 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) azzjonijiet favur produzzjonijiet interdixxiplinari relatati mal-Ewropa u mal-valuri tagħha;

Emenda 123

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-prijoritajiet tal-fergħa MEDIA tal-
Programm imsemmija fl-Artikolu 5
għandhom iqisu d-differenzi bejn il-pajjiżi

Il-prijoritajiet tal-fergħa MEDIA tal-
Programm imsemmija fl-Artikolu 5
għandhom iqisu ***r-rekwiżiti tad-***

rigward il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-aċċess għall-kontenut awdjoviżiv, kif ukoll id-daqs u l-ispeċifitàjiet tas-swieq rispettivi u għandhom jiġu segwiti, fost l-oħrajn, permezz ta' dawn li ġejjin:

Direttiva 2010/13/UE u d-differenzi bejn il-pajjiżi rigward il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-aċċess għall-kontenut awdjoviżiv, kif ukoll id-daqs u l-ispeċifitàjiet tas-swieq rispettivi u għandhom jiġu segwiti, fost l-oħrajn, permezz ta' dawn li ġejjin:

Emenda 124

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) L-iżvilupp ta' xogħlijiet awdjoviżivi;

Emenda

(a) L-iżvilupp ta' xogħlijiet awdjoviżivi ***Ewropej, b'mod partikolari films u xogħlijiet tat-televiżjoni bħal films ta' finzjoni, films qosra, dokumentarji, films tat-tfal u films animati, u xogħlijiet interattivi bħal video games u multimedia ta' kwalità u narrattivi, li jkollhom potenzjal akbar ta' ċirkolazzjoni transfruntiera u magħmula minn kumpaniji Ewropej ta' produzzjoni indipendenti;***

Emenda 125

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) Il-produzzjoni ta' kontenut televiżiv u xenarji ta' sensiliet innovattivi;

(b) Il-produzzjoni ta' kontenut televiżiv u xenarji ta' sensiliet innovattivi ***u ta' kwalità għall-etajiet kollha, bl-appoġġ tal-kumpaniji Ewropej ta' produzzjoni indipendenti;***

Emenda 126

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) Appoġġ għal inizjattivi dedikati għall-ħolqien u għall-promozzjoni ta' xogħlijiet relatati mal-istorja tal-integrazzjoni Ewropea u mal-istejjer Ewropej.

Emenda 127

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Għodod ta' reklamar u ta' kummerċjalizzazzjoni, inkluż dawk online u bl-użu tal-analiżi tad-data biex ix-xogħlijiet Ewropej tiżdidilhom il-prominenza, il-viżibbiltà, l-aċċess ***transfruntiera***, u jilħqu udjenzi akbar;

Emenda

(c) Għodod ta' ***promozzjoni, ta'*** reklamar u ta' kummerċjalizzazzjoni, inkluż dawk online u bl-użu tal-analiżi tad-data biex ix-xogħlijiet Ewropej tiżdidilhom il-prominenza, il-viżibbiltà, l-aċċess ***transfruntier***, u jilħqu udjenzi akbar;

Emenda 128

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) Appoġġ għall-bejgħ u ċ-ċirkolazzjoni internazzjonali ta' xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali fuq il-pjattaformi kollha, inkluż permezz ta' strateġiji ta' distribuzzjoni koordinati li jkopru diversi pajjiżi;

Emenda

(d) Appoġġ għall-bejgħ u ċ-ċirkolazzjoni internazzjonali ta' xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali fuq il-pjattaformi kollha, ***kemm għall-produzzjonijiet iżgħar kif ukoll għal dawk kbar***, inkluż permezz ta' strateġiji ta' distribuzzjoni koordinati li jkopru diversi pajjiżi ***u s-sottotitolar, id-doppjaġġ u d-deskrizzjoni awdjo***;

Emenda 129

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) Azzjonijiet li jkollhom l-għan li jappoġġaw lill-pajjiżi ta' kapaċità baxxa biex itejbu n-nuqqasijiet rispettivi identifikati tagħhom;

Emenda 130

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) Appoġġ għall-iskambji minn negozju għal negozju u attivitajiet ta' netwerking biex il-koproduzzjonijiet Ewropej u internazzjonali jiġu faċilitati;

(e) Appoġġ għall-iskambji minn negozju għal negozju u attivitajiet ta' netwerking biex il-koproduzzjonijiet Ewropej u internazzjonali ***u ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet Ewropej*** jiġu faċilitati;

Emenda 131

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) Appoġġ għan-netwerks Ewropej tal-persuni li jgħallu xogħlijiet artistiċi awdjoviżivi minn pajjiżi differenti li jkollhom l-għan li jrawmu t-talenti kreattivi fis-settur awdjoviżiv;

Emenda 132

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

*(eb) Miżuri specifichi biex
jikkontribwixxu għat-trattament ġust tat-
talent kreattiv fis-settur awdjoviżiv;*

Emenda 133

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) Inizjattivi li jippromwovu l-iżvilupp tal-udjenzi u l-edukazzjoni *dwar il-films*, li jindirizzaw b'mod partikolari lill-udjenzi żgħażaġh;

Emenda

(g) Inizjattivi li jippromwovu l-iżvilupp *u l-involvement* tal-udjenzi, *b'mod partikolari fiċ-ċinema*, u l-edukazzjoni *ċinematografika u awdjoviżiva*, li jindirizzaw b'mod partikolari lill-udjenzi żgħażaġh;

Emenda 134

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) Attivitàjiet ta' taħriġ u ta' mentoraġġ biex tittejjeb il-kapaċità tal-operaturi awdjoviżivi *li* jadattaw għal żviluppi ġodda tas-suq u għat-teknoloġiji diġitali;

Emenda

(h) Attivitàjiet ta' taħriġ u ta' mentoraġġ biex tittejjeb il-kapaċità tal-operaturi awdjoviżivi, *inklużi l-artiġjani u n-nies tas-sengħa*, *biex* jadattaw għal żviluppi ġodda tas-suq u għat-teknoloġiji diġitali;

Emenda 135

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

- (i) Netwerk ta' operaturi ta' servizzi Video on Demand (VOD), li juru proporzjon sinifikanti ta' films Ewropej mhux nazzjonali;

Emenda

- (i) Netwerk **wieħed jew aktar** ta' operaturi ta' servizzi Video on Demand (VOD), li juru proporzjon sinifikanti ta' films Ewropej mhux nazzjonali;

Emenda 136

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

- (j) **Netwerk(s)** ta' festivals Ewropej li juru proporzjon sinifikanti ta' films Ewropej mhux nazzjonali;

Emenda

- (j) **Festivals Ewropej u networks** ta' festivals Ewropej li juru **u li jippromwovu varjetà ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, bi** proporzjon sinifikanti ta' films Ewropej mhux nazzjonali;

Emenda 137

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) Netwerk ta' operaturi taċ-ċinema Ewropej li juru proporzjon sinifikanti ta' films Ewropej mhux nazzjonali;

Emenda

(k) Netwerk ta' operaturi taċ-ċinema Ewropej li juru proporzjon sinifikanti ta' films Ewropej mhux nazzjonali, ***li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-rwol tas-swali taċ-ċinema fil-katina tal-valur u li jenfasizza l-wiri pubbliku tal-films bħala esperjenza soċjali;***

Emenda 138

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni

(l) Miżuri speċifiċi li jikkontribwixxu għal parteċipazzjoni aktar bilanċjata bejn is-sessi fis-settur awdjoviżiv;

Emenda

(l) Miżuri speċifiċi, ***inklużi attivitajiet ta' mentoraġġ u ta' netwerking,*** li jikkontribwixxu għal parteċipazzjoni aktar bilanċjata bejn is-sessi fis-settur awdjoviżiv;

Emenda 139

Proposta għal regolament

Anness I – punt 2 – paragrafu 1 – punt na (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(na) Appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni ta' kontenut kulturali televiżiv online u offline u aċċess għalih b'diversi lingwi, inkluż permezz ta' sottotitoli, għall-promozzjoni tar-rikkezza u d-diversità tal-wirt kulturali Ewropew, il-kreazzjonijiet kontemporanji u l-lingwi.

Emenda 140

Proposta għal regolament

Anness I – punt 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) L-iżvilupp tal-politika, l-iskambju transnazzjonali tal-esperjenzi u tal-għarfien, l-attivitajiet ta' taġlim bejn il-pari u n-netwerking fost l-organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi u dawk li jfasslu l-politika, ta' natura transsettorjali;

(a) L-iżvilupp tal-politika, l-iskambju transnazzjonali tal-esperjenzi u tal-għarfien, l-attivitajiet ta' taġlim bejn il-pari, ***inkluż il-mentoraġġ tal-pari għal parteċipanti ġodda fil-Programm, is-sensibilizzazzjoni*** u n-netwerking fost l-organizzazzjonijiet kulturali u kreattivi u

dawk li jfasslu l-politika ta' natura transsettorjali, *anke permezz ta' djalogu strutturali permanenti mal-partijiet ikkonċernati, u ma' Forum ta' Setturi Kulturali u Kreattivi għat-tisħiħ tad-djalogu u l-orjentazzjoni tal-politiki settorjali;*

Emenda 141

Proposta għal regolament

Anness I – punt 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) Inkoraġġiment biex jinħolqu forom ġodda fit-tlaqqiġ bejn setturi kulturali u kreattivi differenti, pereżempju bl-użu ta' teknoloġiji innovattivi;

Emenda

(a) Inkoraġġiment biex jinħolqu forom ġodda fit-tlaqqiġ bejn setturi kulturali u kreattivi differenti, *u ma' operaturi ta' setturi oħra*, pereżempju bl-użu ta', *u l-mentoraġġ fl-użu ta'*, teknoloġiji innovattivi *f'organizzazzjonijiet kulturali u kollaborazzjoni permezz ta' hubs diġitali;*

Emenda 142

Proposta għal regolament

Anness I – punt 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) Azzjonijiet favur produzzjonijiet interdixxiplinari relatati mal-Ewropa u mal-valuri tagħha;

Emenda 143

Proposta għal regolament

Anness I – punt 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) Il-promozzjoni tal-programm f'livell nazzjonali u l-forniment ta' informazzjoni dwar id-diversi tipi ta' appoġġ finanzjarju disponibbli skont il-politika tal-Unjoni;

(a) Il-promozzjoni tal-programm f'livell nazzjonali u l-forniment ta' informazzjoni ***rilevanti*** dwar id-diversi tipi ta' appoġġ finanzjarju disponibbli skont il-politika tal-Unjoni ***u dwar il-kriterji, il-proċedura u r-riżultati tal-evalwazzjoni;***

Emenda 144

Proposta għal regolament

Anness I – punt 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt b

(b) It-tħeġġiġ tal-kooperazzjoni transfruntiera bejn il-professjonisti, l-istituzzjonijiet, il-pjattaformi u n-netwerks fl-oqsma ta' politika u fis-setturi koperti mill-programm u bejniethom;

(b) ***L-appoġġ għal beneficijarji potenzjali fil-proċess ta' applikazzjoni***, it-tħeġġiġ tal-kooperazzjoni transfruntiera ***u tal-iskambju tal-aħjar prattiki*** bejn il-professjonisti, l-istituzzjonijiet, il-pjattaformi u n-netwerks fl-oqsma ta' politika u fis-setturi koperti mill-programm u bejniethom;

Emenda 145

Proposta għal regolament

Anness I – punt 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt c

(c) L-appoġġ għall-Kummissjoni biex tiżgura komunikazzjoni u disseminazzjoni xierqa tar-riżultati tal-programm liċ-ċittadini.

(c) L-appoġġ għall-Kummissjoni biex tiżgura komunikazzjoni u disseminazzjoni xierqa tar-riżultati tal-programm liċ-ċittadini ***u lill-operaturi kemm minn isfel għal fuq u minn fuq għal isfel.***

Emenda 146

Proposta għal regolament

Anness I – punt 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) L-indirizzar tal-bidliet strutturali li qed jiffaċċja s-settur tal-media, permezz tal-promozzjoni ***u l-monitoraġġ*** ta' ambjent medjatiku ***diversifikat*** u pluralistiku;

Emenda

(a) L-indirizzar tal-bidliet strutturali ***u teknoloġiċi*** li qed jiffaċċja s-settur tal-media ***tal-aħbarijiet***, permezz tal-promozzjoni ta' ambjent medjatiku ***indipendenti*** u pluralistiku ***u bl-appoġġ ta' monitoraġġ indipendenti għall-valutazzjoni tar-riskji u tal-isfidi għall-pluraliżmu u għal-libertà tal-media***;

Emenda 147

Proposta għal regolament

Anness I – punt 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) L-appoġġ għal standards għoljin tal-produzzjoni tal-media billi jitrawmu l-kooperazzjoni, il-ġurnaliżmu ta' kollaborazzjoni transfruntiera, u l-kontenut ta' kwalità;

Emenda

(b) L-appoġġ għal standards għoljin tal-produzzjoni tal-media billi jitrawmu l-kooperazzjoni, ***il-ħiliet diġitali***, il-ġurnaliżmu ta' kollaborazzjoni transfruntiera, u l-kontenut ta' kwalità ***u mudelli ekonomiċi tal-media sostenibbli***

*biex tiġi żgurata l-etika professjonali fil-
ġurnaliżmu;*

Emenda 148

Proposta għal regolament

Anness I – punt 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Il-promozzjoni tal-litteriżmu medjatiku sabiex iċ-ċittadini **jkunu** jistgħu jiżviluppaw fehim kritiku tal-media.

Emenda

(c) Il-promozzjoni tal-litteriżmu medjatiku sabiex iċ-ċittadini, **b'mod partikolari ż-żghażaġh, ikunu** jistgħu jiżviluppaw fehim kritiku tal-media **u l-appoġġ tal-ħolqien ta' pjattaforma tal-Unjoni għall-kondiviżjoni ta' prattiki u politiki tal-litteriżmu medjatiku fost l-Istati Membri kollha, anke permezz ta' networks universitarji ta' radju u media li jitrattaw l-Ewropa u jipprovdu lill-professjonisti tal-media tal-aħbarijiet bi programmi ta' taħriġ sabiex jagħrfu u jindirizzaw id-diżinformazzjoni.**

Emenda 149

Proposta għal regolament

Anness I – punt 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 4 – punt ca (ġdid)

(ca) It-thegħiġ u s-salvagwardja tad-djalogu politiku u tas-soċjetà ċivili dwar theddid għal-libertà tal-media u l-pluraliżmu tal-media fl-Ewropa;

Emenda 150

Proposta għal regolament

Anness II – paragrafu -1 (ġdid)

***-1. INDIKATURI KOMUNI
KWALITATTIVI U KWANTITATTIVI
TAL-IMPATT TAL-PROGRAMM***

(1) Il-benefiċċju għaċ-ċittadini u għall-komunitajiet;

(2) Il-benefiċċju għat-tisħiħ tad-diversità kulturali u tal-wirt kulturali Ewropej;

(3) Il-benefiċċju għall-ekonomija u l-impjiegi tal-Unjoni, b'mod partikolari s-setturi kulturali u kreattivi u l-SMEs;

(4) L-integrazzjoni tal-politiki tal-

Unjoni, inklużi r-relazzjonijiet kulturali internazzjonali;

(5) Il-valur miżjud Ewropew tal-proġetti;

(6) Il-kwalità tas-sħubijiet u tal-proġetti kulturali;

(7) L-għadd ta' persuni li jaċċessaw xogħljiet kulturali u kreattivi Ewropej appoġġati mill-Programm;

(8) L-għadd ta' postijiet tax-xogħol marbuta mal-proġetti ffinanzjati;

(9) Il-bilanċ bejn is-sessi, meta meħtieġ, il-mobbiltà u l-awtonomizzazzjoni tal-operaturi fis-setturi kulturali u kreattivi.